**MALTA**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

# KUMITAT PERMANENTI GĦALL-KONSIDERAZZJONI TA' ABBOZZI TA' LIĠI

**(*Rapport Uffiċjali u Rivedut*)**

**IL-ĦMISTAX-IL PARLAMENT**

**Laqgħa Nru 1**
**It-Tlieta, 21 ta' Lulju, 2026**

**Stampat fl-Uffiċċju tal-Iskrivan**
**Kamra tad-Deputati**
**Malta**

**Prezz €2.50**

**IL-ĦMISTAX-IL PARLAMENT**

**KUMITAT PERMANENTI**
**GĦALL-KONSIDERAZZJONI TA' ABBOZZI TA' LIĠI**

**Laqgħa Nru 1**
**It-Tlieta, 21 ta' Lulju, 2026**

**Il-Kumitat iltaqa' fil-Parlament, il-Belt Valletta, fil-10.45 a.m.**

**ONOR. ROSIANNE CUTAJAR (Ministru għall-Ugwaljanza u d-Drittijiet Ċivili):** Nagħti merħba lil kull min hawn preżenti għal din l-ewwel laqgħa ta' dan il-Kumitat tal-15-il Leġiżlatura. Skont l-Ordni Permanenti Nru 130, peress li l-President ta' dan il-Kumitat ma tistax tattendi, nipproponi lill-Onor. Ramona Attard tinħatar bħala President. Hawn qbil? (Onor. Membri: Iva)

**ONOR. RAMONA ATTARD (Maħtura skont l-Ordni Permanenti 130):** Bħal kull laqgħa oħra tal-kumitati tal-Kamra, din il-laqgħa qiegħda tiġi video streamed b'mod dirett u qiegħda tiġi trażmessa fuq l-istazzjon tat-televiżjoni tal-Parlament b'mod dirett ukoll.

## ABBOZZ TA' LIĠI DWAR IL-KUMMISSJONI NAZZJONALI GĦAD-DRITTIJIET TAL-BNIEDEM U L-UGWALJANZA

## NATIONAL COMMISSION FOR HUMAN RIGHTS AND EQUALITY BILL

*Skont riżoluzzjoni fis-Seduta Nru 12 tal-Erbgħa, 15 ta' Lulju 2026, il-Kumitat iltaqa' biex jikkonsidra dan l-Abbozz ta' Liġi.*

**Klawsola 2 –** Tifsir.
**Clause 2 –** Interpretation.

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Ninformakom li mal-klawsola 2 hemm marbuta l-iskeda ta' dan l-Abbozz ta' Liġi. Għaldaqstant, jekk hemm xi rimarki fuq l-iskeda, nitlobkom tagħmluhom f'dan l-istadju wkoll.

Il-Ministru Rosianne Cutajar.

**ONOR. ROSIANNE CUTAJAR:** Fil-klawsola 2 insibu t-tifsir, fost l-oħrajn, ta' "akkomodazzjoni raġonevoli", "azzjoni pożittiva", "data personali", "disinn universali", "diskriminazzjoni", "drittijiet tal-bniedem" u "dritt għal trattament ugwali u n-non-diskriminazzjoni". Se nkun qed nipproponi emenda għat-tifsira "dritt għal trattament ugwali u n-non-diskriminazzjoni" biex nagħmluha aktar ċara u jkun hemm qbil bejn it-test Malti u t-test Ingliż, kif ukoll għat-tifsira "family member" fit-test tal-Ingliż biss biex tirrifletti aħjar dak li qed jingħad fit-test Malti.

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Grazzi. Aktar rimarki? L-Onor. Ivan Castillo.

**ONOR. IVAN CASTILLO:** Nixtieq nagħmel statement dwar dan l-Abbozz ta' Liġi. Filwaqt li l-Oppożizzjoni taqbel mal-prinċipju ta' dan l-Abbozz ta' Liġi, tixtieq tirreġistra formalment l-oġġezzjoni tagħna għall-proċess segwit u tirriżerva l-pożizzjoni u l-vot tagħha, u għaldaqstant mhux se nivvotaw kontra imma se nkunu qed nastjenu. Irrid ukoll intenni li leġiżlazzjoni ta' importanza kostituzzjonali għandha tkun ibbażata fuq konsultazzjoni u skrutinju parlamentari adegwat. Tant hu hekk li numru ta' NGOs talbu lilna l-Membri

Parlamentari aktar ħin għall-konsultazzjoni biex dan l-Abbozz ikun aktar skrutinizzat u l-emendi jkunu aktar imħarsa. B'hekk, ikollna Abbozz li jkun jirrifletti wkoll dak li jixtiequ l-NGOs, l-istakeholders kif ukoll is-soċjetà ċivili li suppost bħala Membri ta' din il-Kamra qegħdin inħarsu.

Għaldaqstant nippreżenta lill-Kumitat dan id-dokument:

> Stqarrija għall-istampa maħruġa minn koalizzjoni ta' NGOs intitolata *Talba għal perjodu ta' konsultazzjoni dwar il-Bill tal-Ugwaljanza 2026.*

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Grazzi. Il-Ministru.

**ONOR. ROSIANNE CUTAJAR:** Nirringrazzja lill-Onor. Castillo tal-osservazzjonijiet tiegħu. Infakkar li bħal kull Kumitat ieħor tal-Kamra, dan huwa Kumitat miftuħ u jekk hemm xi ħadd li jixtieq jagħmel xi rimarki, dan huwa liberu li jattendi u jagħti kontribut.

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Qed nifhem li kif inhi l-proċedura, kien ħareġ l-avviż li dan il-Kumitat se jkun qed jiltaqa'. Qed nara numru ta' nies fil-kamra u allura nistaqsi jekk hawnx xi ħadd mill-NGOs li jixtieq jgħaddi xi kumment? Jidher li m'hawn ħadd mill-NGOs li għandhom xi kummenti. Għaldaqstant insejjaħ lill-Ministru biex, jekk jogħġobha, taqra l-emenda għall-klawsola 2.

**ONOR. ROSIANNE CUTAJAR:** Nipproponi din l-emenda:

"A" Is-subklawsola (1) tal-klawsola 2 għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) fil-verżjoni bl-Ingliż biss, fit-tifsira "right to equal treatment and non-discrimination" il-kliem "as provided for by Part I of this Act and the Schedule" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "as provided for in Part I and the legislative instruments listed in the Schedule";

(b) it-tifsira "membru tal-familja" għandha tiġi sostitwita bit-tifsira ġdida li ġejja:

" "membru tal-familja" tfisser:

(a) konjuġi;

(b) sieħeb jew sieħba f'unjoni ċivili;

(ċ) id-dixxendenti diretti tal-persuna konċernata jew tal-konjuġi jew tas-sieħeb jew sieħba, li ma għalqux wieħed u għoxrin (21) sena jew li huma dipendenti, irrispettivament mill-età;

(d) il-qraba diretti dipendenti fil-linja axxendentali tal-persuna konċernata u tal-konjuġi jew tas-sieħeb jew is-sieħba;".

"A" Sub-clause (1) of clause 2 shall be amended as follows:

(a) in the definition "right to equal treatment and non-discrimination" the words "as provided for by Part I of this Act and the Schedule" shall be substituted by the words "as provided for in Part I and the legislative instruments listed in the Schedule";

(b) the definition "family member" shall be substituted by the following new definition:

" "family member" means:

(a) a spouse;

(b) a partner in a civil union;

(c) the direct descendants of the person concerned or of the spouse or partner, who have not attained the age of twenty-one (21) years or who are dependent, irrespective of age;

(d) the direct dependent relatives in the ascending line of the person concerned and of the spouse or partner;".

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Grazzi. Aktar rimarki? L-Onor. Ivan Castillo.

**ONOR. IVAN CASTILLO:** L-Oppożizzjoni taqbel mal-prinċipju ta' dan l-artikolu iżda minħabba nuqqas ta' konsultazzjoni u skrutinju adegwat, tirriżerva l-pożizzjoni u l-vot tagħha sakemm jitlesta b'mod xieraq il-proċess parlamentari.

Nixtieq ukoll inwieġeb lill-Ministru u ngħidilha li l-aġenda ħarġet ilbieraħ fil-5.15 p.m., siegħa u tliet kwarti qabel ma toħroġ l-aġenda tal-

Parlament u allura bi żmien daqshekk qasir, żgur ma tajniex biżżejjed ċans lill-NGOs u l-istakeholders biex jattendu għal dan il-Kumitat.

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Grazzi. Aktar rimarki? L-Onor. Naomi Cachia.

**ONOR. NAOMI CACHIA:** Nixtieq niċċara xi punti. Veru huma ftit l-abbozzi li jaslu f'dan l-istadju u li jkunu għand l-Oppożizzjoni f'Marzu u jiġu diskussi fil-Parlament f'Lulju. Jiġifieri l-argument li ma kienx hemm żmien adegwat, bir-rispett kollu, ma naqblux miegħu.

It-tieni, naħseb li indikajna sa mill-bidu tal-leġiżlatura li dan l-Abbozz kien ta' prijorità għalina. Sal-ġimgħa l-oħra konna qegħdin niftiehmu b'mod informali biex jiltaqa' dan il-Kumitat u meta indikajna li l-Kumitat kellu jiltaqa' ilbieraħ, ir-risposta min-naħa tal-Oppożizzjoni kienet li mhumiex se jappuntaw Membri għaliex ma jaqblux li dan il-Kumitat għandu jsir. Ovvjament ma nemminx li l-minoranza parlamentari tista' xxekkel b'dan il-mod il-proċess leġiżlattiv u għaldaqstant bħala Gvern, wara li tajniekom biżżejjed ċans twieġbu u tbiddlu fehemtkom, minflok laqqajna l-Kumitat ilbieraħ, għażilna li jiltaqa' llum, it-Tlieta, u fuq talba tagħkom stess, minflok iltqajna fid-9.00 a.m., iltqajna fl-10.30 a.m. Allura naħseb li min-naħa tagħna għamilna dak kollu li stajna nagħmlu biex inġibukom on board però at some point bħala Gvern irridu mmexxu, u hekk qed nagħmlu.

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Se nitlobkom biex tgħollu daqsxejn il-vuċi għax kellna daqsxejn protesti mill-mistednin li mhux qed jisimgħu sew. Aktar rimarki? Il-Ministru.

**ONOR. ROSIANNE CUTAJAR:** Qed jintqal li qisu dan l-Abbozz ta' Liġi tressaq quddiem il-Parlament mingħajr konsultazzjoni ta' xejn. Numru ta' xhur ilu l-predeċessur tiegħi, l-Onor. Rebecca Buttigieg, kienet saħansitra għaddiet kopja tiegħu lill-Onor. Graziella Attard Previ. L-uniċi emendi li saru minn dak l-Abbozz li rat il-kollega kienu emendi żgħar li ma jbiddlu xejn fis-sustanza. Għaldaqstant ma nistax nifhem kif f'dak iż-żmien kollu, jekk kellhom jippreparaw xi emendi, ma ppreparawhomx. Wara kollox dak huwa d-dover tagħhom.

Konsultazzjoni saret b'mod estensiv għal numru ta' snin, inkluż ma' dawk l-NGOs li saret referenza għalihom. Nerġa' ngħid li dan huwa Kumitat miftuħ u jistgħu liberament jiġu hawnhekk u jitkellmu.

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Grazzi. Aktar rimarki? L-Onor. Rebekah Borg.

**ONOR. REBEKAH BORG:** Kemm infakkar li dak l-istatement li ppreżentajna ġie ppubblikat ilbieraħ mill-NGOs. Xogħolna hu li nirrappreżentaw lil kulħadd. Ilbieraħ l-NGOs għamlu statement, talbu għal aktar ċans biex jikkonsultaw u għalhekk aħna qed nerġgħu nitolbu li l-Gvern jisma' mill-NGOs u jekk hemm bżonn, jerġa' jikkonsulta u jagħtihom aktar ħin.

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Grazzi. Aktar rimarki? L-Onor. Graziella Attard Previ.

**ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI:** Nixtieq niċċara punt. Meta l-Onor. Rebecca Buttigieg għaddietli dan l-Abbozz, issottolinjat li kienet qed tgħaddihuli mhux b'mod pubbliku. Jiġifieri għaddithuli biex inkun nista' narah jien. Ma kienx għadu fi stadju li jien stajt naqsam dak li hemm fih mal-NGOs u mal-istakeholders li huma interessati. Ħalli nagħmlu dan il-punt ċar. Il-mument li dan l-Abbozz verament kien ippubblikat u tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kien il-ġimgħa li għaddiet.

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Grazzi. Aktar rimarki? (Onor. Membri: No) Il-mistoqsija hija l-emenda għall-klawsola 2 kif imressqa u moqrija mill-Ministru. Dawk favur? (Onor. Membri: Aye) Dawk kontra? L-Onor. Ivan Castillo.

**ONOR. IVAN CASTILLO:** L-Oppożizzjoni taqbel mal-prinċipju ta' dan l-artikolu iżda minħabba nuqqas ta' konsultazzjoni u skrutinju adegwat, tirriżerva l-pożizzjoni u l-vot tagħha sakemm jitlesta b'mod xieraq il-proċess parlamentari.

*L-Emenda "A" għaddiet.*

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Il-mistoqsija hija klawsola 2 kif emendata u l-Iskeda. Dawk favur? (Onor. Membri: Aye) Dawk kontra? L-Onor. Ivan Castillo.

**ONOR. IVAN CASTILLO:** L-Oppożizzjoni taqbel mal-prinċipju ta' dan l-artikolu iżda minħabba nuqqas ta' konsultazzjoni u skrutinju adegwat, tirriżerva l-pożizzjoni u l-vot tagħha

sakemm jitlesta b'mod xieraq il-proċess parlamentari.

*Klawsola 2, kif emendata, u l-Iskeda għaddew u ġew ordnati biex isiru parti mill-Abbozz ta' Liġi.*

**Klawsola 3 –** Karatteristiċi protetti.
**Clause 3** – Protected characteristics.

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Rimarki? Il-Ministru.

**ONOR. ROSIANNE CUTAJAR:** Il-klawsola 3 hija dwar il-karatteristiċi protetti u qed tipprovdi lista mhux eżawrjenti tal-karatteristiċi protetti. Il-lista tinkludi, iżda mhijiex limitata għal sess, responsabbiltajiet familjari, stat ta' saħħa, orjentazzjoni sesswali, diżabilità, età, reliġjon jew twemmin, oriġini etnika jew razzjali, identità tal-ġeneru, espressjoni tal-ġeneru, karatteristiċi tas-sess jew status ieħor. Dan kollu huwa wkoll konformi mal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali li tipprojbixxi d-diskriminazzjoni fuq il-bażi ta' status ieħor.

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Grazzi. Aktar rimarki? (Onor. Membri: No) Il-mistoqsija hija klawsola 3. Dawk favur? (Onor. Membri: Aye) Dawk kontra? L-Onor. Ivan Castillo.

**ONOR. IVAN CASTILLO:** L-Oppożizzjoni taqbel mal-prinċipju ta' dan l-artikolu iżda minħabba nuqqas ta' konsultazzjoni u skrutinju adegwat, tirriżerva l-pożizzjoni u l-vot tagħha sakemm jitlesta b'mod xieraq il-proċess parlamentari.

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Qed nifhem li dan l-istatement se jkun qed jgħodd għall-klawsoli kollha u allura biex ma noqogħdux nirrepetu, anke għal fini ta' ħin, nistgħu nirreġistraw minn qabel li dan jgħodd għall-klawsoli kollha.

**ONOR. IVAN CASTILLO:** Iva, dan l-istatement se jkun qed jgħodd għall-klawsoli kollha li se jkunu qegħdin jitressqu.

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Kollox sew, Onor. Castillo. Mela m'għandekx għalfejn tirrepeti u ngħodduh għall-klawsoli kollha.

*Klawsola 3 għaddiet u ġiet ordnata biex issir parti mill-Abbozz ta' Liġi.*

**Klawsola 4 –** Diskriminazzjoni.
**Clause 4** – Discrimination.

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Rimarki? Il-Ministru.

**ONOR. ROSIANNE CUTAJAR:** Din il-klawsola tiddefinixxi x'inhija diskriminazzjoni u tispjega kif tista' sseħħ. Fil-fatt, skont din il-klawsola, diskriminazzjoni tista' sseħħ abbażi ta' raġuni waħda jew raġunijiet multipli. Il-klawsola tispjega wkoll li d-diskriminazzjoni tista' tieħu diversi forom u tista' tkun kemm diretta kif ukoll indiretta permezz ta' fastidju u, jew fastidju sesswali, diskriminazzjoni minħabba fi tqala jew it-twelid, istruzzjonijiet biex issir diskriminazzjoni, u vittimizzazzjoni.

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Grazzi. Aktar rimarki? (Onor. Membri: No) Il-mistoqsija hija klawsola 4. Dawk favur? (Onor. Membri: Aye) Dawk kontra? L-Onor. Ivan Castillo.

**ONOR. IVAN CASTILLO:** L-Oppożizzjoni taqbel mal-prinċipju ta' dan l-artikolu iżda minħabba nuqqas ta' konsultazzjoni u skrutinju adegwat, tirriżerva l-pożizzjoni u l-vot tagħha sakemm jitlesta b'mod xieraq il-proċess parlamentari.

*Klawsola 4 għaddiet u ġiet ordnata biex issir parti mill-Abbozz ta' Liġi.*

**Klawsola 5 –** Diskriminazzjoni fl-impjieg.
**Clause 5** – Discrimination in employment.

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Rimarki? Il-Ministru.

**ONOR. ROSIANNE CUTAJAR:** Din il-klawsola tipprojbixxi d-diskriminazzjoni fl-impjieg. Il-prinċipal ma jistax jiddiskrimina fir-reklutaġġ jew fl-istadju ta' offerta għal impjieg, fil-pattijiet u l-kondizzjonijiet ta' impjieg, fid-deċiżjonijiet dwar tkeċċija u fil-ġestjoni jew il-kondizzjonijiet tax-xogħol. Il-prinċipal għandu wkoll id-dmir li jissopprimi l-fastidju.

Il-klawsola tiċċara li trattament inqas favorevoli m'għandux jiġi kkonsidrat bħala diskriminatorju

meta l-karatteristika li fuqha tkun ibbażata d-diskriminazzjoni tikkostitwixxi rekwiżit okkupazzjonali ġenwin u determinanti u sakemm l-għan ikun leġittimu u l-ħtieġa tkun proporzjonata.

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Grazzi. Aktar rimarki? (Onor. Membri: No) Il-mistoqsija hija klawsola 5. Dawk favur? (Onor. Membri: Aye) Dawk kontra? L-Onor. Ivan Castillo.

**ONOR. IVAN CASTILLO:** L-Oppożizzjoni taqbel mal-prinċipju ta' dan l-artikolu iżda minħabba nuqqas ta' konsultazzjoni u skrutinju adegwat, tirriżerva l-pożizzjoni u l-vot tagħha sakemm jitlesta b'mod xieraq il-proċess parlamentari.

*Klawsola 5 għaddiet u ġiet ordnata biex issir parti mill-Abbozz ta' Liġi.*

**Klawsola 6** – Rapport fuq il-proċeduri ta' impjieg.
**Clause 6** – Report on employment procedures.

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Rimarki? Il-Ministru.

**ONOR. ROSIANNE CUTAJAR:** Din il-klawsola tistabbilixxi d-dmir tal-prinċipali li fil-każ li jkun hemm allegazzjoni ta' diskriminazzjoni, huwa jipprovdi rapport, fi żmien għaxart ijiem, fuq l-allegazzjoni jew fuq il-proċeduri użati biex jipprevjeni dik id-diskriminazzjoni. Il-klawsola tkompli tispjega li t-talba għar-rapport tista' ssir mill-allegat vittma jew mill-Kummissarju; li l-prinċipali għandhom dritt għar-rifużjoni tal-ispejjeż sabiex isir ir-rapport; li kull korrispondenza mogħtija hija ammissibbli bħala prova quddiem il-Kummissarju u fi kwalunkwe proċeduri legali; li jekk il-Kummissjoni jew forum ieħor jiddetermina li l-prinċipal ma weġibx fiż-żmien meħtieġ, jew jekk it-tweġiba tiegħu ma kenitx suffiċjenti, jistgħu jinferixxu dak li jiddeċiedu li hu ġust u ekwu; u li dan l-artikolu ma japplikax jekk ikunu bdew proċeduri quddiem il-Kummissjoni jew forum ieħor.

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Grazzi. Aktar rimarki? (Onor. Membri: No) Il-mistoqsija hija klawsola 6. Dawk favur? (Onor. Membri: Aye) Dawk kontra? L-Onor. Ivan Castillo.

**ONOR. IVAN CASTILLO:** L-Oppożizzjoni taqbel mal-prinċipju ta' dan l-artikolu iżda minħabba nuqqas ta' konsultazzjoni u skrutinju adegwat, tirriżerva l-pożizzjoni u l-vot tagħha sakemm jitlesta b'mod xieraq il-proċess parlamentari.

*Klawsola 6 għaddiet u ġiet ordnata biex issir parti mill-Abbozz ta' Liġi.*

**Klawsola 7** – Kumpens għall-konjuġi li jassistu lil ħaddiema għal rashom.
**Clause 7** – Compensation for assisting spouses of self-employed workers.

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Rimarki? Il-Ministru.

**ONOR. ROSIANNE CUTAJAR:** Din il-klawsola tistabbilixxi d-drittijiet ta' konjuġi ta' ħaddiema self-employed li jipparteċipaw fl-attivitajiet tagħhom, sabiex jirċievu kumpens xieraq għall-kontribuzzjoni tagħhom.

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Grazzi. Aktar rimarki? (Onor. Membri: No) Il-mistoqsija hija klawsola 7. Dawk favur? (Onor. Membri: Aye) Dawk kontra? L-Onor. Ivan Castillo.

**ONOR. IVAN CASTILLO:** L-Oppożizzjoni taqbel mal-prinċipju ta' dan l-artikolu iżda minħabba nuqqas ta' konsultazzjoni u skrutinju adegwat, tirriżerva l-pożizzjoni u l-vot tagħha sakemm jitlesta b'mod xieraq il-proċess parlamentari.

*Klawsola 7 għaddiet u ġiet ordnata biex issir parti mill-Abbozz ta' Liġi.*

**Klawsola 8** – Edukazzjoni u gwida vokazzjonali.
**Clause 8** – Education and vocational guidance.

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Rimarki? Il-Ministru.

**ONOR. ROSIANNE CUTAJAR:** Din il-klawsola tistabbilixxi li entitajiet edukattivi u stabbilimenti li jipprovdu taħriġ jew gwida vokazzjonali ma jistgħux jiddiskriminaw. Persuni responsabbli għal tali entitajiet u stabbilimenti għandhom jissopprimu l-fastidju u jassiguraw li l-kurrikula u l-kotba skolastiċi ma jinkludux kontenut diskriminatorju.

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Grazzi. Aktar rimarki? (Onor. Membri: No) Il-mistoqsija hija klawsola 8. Dawk favur? (Onor. Membri: Aye) Dawk kontra? L-Onor. Ivan Castillo.

**ONOR. IVAN CASTILLO:** L-Oppożizzjoni taqbel mal-prinċipju ta' dan l-artikolu iżda minħabba nuqqas ta' konsultazzjoni u skrutinju adegwat, tirriżerva l-pożizzjoni u l-vot tagħha sakemm jitlesta b'mod xieraq il-proċess parlamentari.

*Klawsola 8 għaddiet u ġiet ordnata biex issir parti mill-Abbozz ta' Liġi.*

**Klawsola 9 –** Fastidju u fastidju sesswali.
**Clause 9 –** Harassment and sexual harassment.

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Rimarki? Il-Ministru.

**ONOR. ROSIANNE CUTAJAR:** Din il-klawsola tistabbilixxi li persuni ma jistgħux jagħtu fastidju jew fastidju sesswali lil xi persuna oħra. Persuni responsabbli għal postijiet tax-xogħol, entitajiet edukattivi, stabbilimenti li jipprovdu taħriġ jew gwida vokazzjonali jew għal xi stabbiliment fejn jiġu offruti oġġetti, servizzi jew faċilitajiet ta' akkomodazzjoni lill-pubbliku, ma jistgħux jippermettu li jseħħ fil-postijiet tagħhom fastidju jew fastidju sesswali. Persuni hekk responsabbli jistgħu jiddefendu ruħhom billi juru li ħadu miżuri biex jipprevjenu l-fastidju jew fastidju sesswali.

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Grazzi. Aktar rimarki? L-Onor. Francesca Zarb.

**ONOR. FRANCESCA ZARB:** L-istatement tal-Oppożizzjoni ġie ripetut kemm-il darba u ħadt nota tiegħu biex żgur ma jkollix problema fil-wording. L-Oppożizzjoni qiegħda ttenni kull darba li taqbel mal-prinċipju u allura għandi nifhem li xi tip ta' konsultazzjoni diġà żviluppat biex l-Oppożizzjoni ddeċidiet dwar il-prinċipju u dwar l-ispirtu ta' dan l-Abbozz. Mela minkejja li qegħdin jastjenu mill-vot, xorta waħda għandna Oppożizzjoni li per prinċipju, qiegħda taqbel ma' dan kollu li qegħdin inressqu bħala Gvern.

Il-fatt li l-Oppożizzjoni qiegħda tirriżerva l-pożizzjoni tagħha ma jagħmel assolutament l-ebda differenza għaliex l-istatement tagħhom huwa kontradittorju għaliex qed jaqblu u qed jirriżervaw fl-istess ħin! Għaldaqstant, nitlobhom jiċċaraw.

**ONOR. REBEKAH BORG:** M'għandniex x'niċċaraw. L-istatement huwa ċar.

**ONOR. FRANCESCA ZARB:** Allura nitlobkom tikkonfermaw illi qed taqblu mal-prinċipju, kif qegħdin ittennu.

**ONOR. REBEKAH BORG:** L-istatement huwa ċar.

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Grazzi. Aktar rimarki? (Onor. Membri: No) Il-mistoqsija hija klawsola 9. Dawk favur? (Onor. Membri: Aye) Dawk kontra? L-Onor. Ivan Castillo.

**ONOR. IVAN CASTILLO:** L-Oppożizzjoni taqbel mal-prinċipju ta' dan l-artikolu iżda minħabba nuqqas ta' konsultazzjoni u skrutinju adegwat, tirriżerva l-pożizzjoni u l-vot tagħha sakemm jitlesta b'mod xieraq il-proċess parlamentari.

*Klawsola 9 għaddiet u ġiet ordnata biex issir parti mill-Abbozz ta' Liġi.*

**Klawsola 10 –** Reklam diskriminatorju.
**Clause 10 –** Discriminatory advertisement.

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Rimarki? Il-Ministru.

**ONOR. ROSIANNE CUTAJAR:** Din il-klawsola tipprovdi illi ħadd ma jista' jirreklama post għal xi impieg li jiddiskrimina bejn l-applikanti u jitlob mingħandhom informazzjoni dwar il-ħajja privata tagħhom. Trattament differenzjali huwa permess f'każ li dan ikun relatat ma' rekwiżit okkupazzjonali ġenwin u determinanti, u l-applikazzjoni ta' tali ħtieġa tkun b'mezz proporzjonat sabiex jintlaħaq għan leġittimu.

Din il-klawsola tipprovdi wkoll li reklami ta' kull tip li jkunu diskriminatorji, jew li jippromwovu d-diskriminazzjoni, mhumiex permessi. Ksur ta' dan l-artikolu jikkostitwixxi reat.

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Grazzi. Aktar rimarki? (Onor. Membri: No) Il-mistoqsija hija klawsola 10. Dawk favur? (Onor. Membri: Aye) Dawk kontra? L-Onor. Ivan Castillo.

**ONOR. IVAN CASTILLO:** L-Oppożizzjoni taqbel mal-prinċipju ta' dan l-artikolu iżda minħabba nuqqas ta' konsultazzjoni u skrutinju adegwat, tirriżerva l-pożizzjoni u l-vot tagħha sakemm jitlesta b'mod xieraq il-proċess parlamentari.

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Onor. Castillo, ejja nkunu ftit prattiċi. Għandna 60 klawsola. Se toqgħod tirrepeti dan l-istatement għal 60 klawsola?

**ONOR. IVAN CASTILLO:** Iva.

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Kollox sew, se tirrepetih 60 darba. Il-Ministru Rosianne Cutajar.

**ONOR. ROSIANNE CUTAJAR:** Jien kont nippretendi li bħala Oppożizzjoni jiġu hawnhekk ippreparati b'xi emendi. Onor. Castillo, inti liberu li tirrepeti kemm trid, għal 60 darba u anke aktar, imma ma naħsibx li dan qed jirrifletti tajjeb fuqkom għaliex xogħolkom hu li f'dan il-Kumitat tressqu l-emendi biex b'mod matur naħdmu fuq abbozz ta' liġi li jsir realtà bil-kontribut ta' kulħadd. Issa jien qed nifhem li kontribut m'intomx se tagħtu. Sempliċiment ġejtu hawnhekk b'sentenza lesta li se tibqgħu tirrepetu mingħajr ma tressqu 'l quddiem xi tip ta' emenda. Naħseb li l-pajjiż jixraqlu li f'din l-ogħla istituzzjoni jkun hemm daqsxejn maturità. Fl-aħħar mill-aħħar hawnhekk qegħdin nitkellmu fuq l-ugwaljanza, u storikament dan it-tkaxkir ta' saqajn assistejna għalih kull meta ġiet diskussa. Ma naħsibx li qed jirrifletti tajjeb fuqkom.

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Grazzi. Aktar rimarki? L-Onor. Francesca Zarb.

**ONOR. FRANCESCA ZARB:** Jekk l-Onor. Castillo se jirreġistra 60 darba, jien se nirreġistra 60 darba warajh li l-istatement tal-Oppożizzjoni huwa kontradittorju u ma jagħmilx sens. Kull darba se nagħmilha!

**ONOR. RAMONA ATTARD:** L-Onor. Ivan Castillo.

**ONOR. IVAN CASTILLO:** Dwar dak li għadha kif tenniet il-Ministru rrid ngħid li l-pajjiż kien jixraqlu li ssir konsultazzjoni dwar din il-liġi u mhux jippretendu li l-Oppożizzjoni tippreżenta l-emendi wara 11-il ġurnata biss.

**ONOR. ROSIANNE CUTAJAR:** Dan l-Abbozz ilu 12-il sena jiġi diskuss mal-NGOs b'mod pubbliku, jiġifieri kien hemm żmien opportun. Issa n-nies qegħdin jistennew li aħna niddeċiedu u nieħdu azzjoni. Il-konsultazzjoni saret u l-Abbozz għadda għand l-Onor. Graziella Attard Previ b'mod informali, però ma nbidlitx is-sustanza tiegħu. Għaldaqstant, jekk hemm xi riservi dwar il-kontenut, ma nistax nifhem kif qegħdin tgħidu li taqblu fil-prinċipju, bħalma qalet il-kollega l-Onor. Zarb. Ma nistax nifhem għaliex qed tagħmlu dan l-istatement. Jew taqblu jew ma taqblux.

**ONOR. REBEKAH BORG:** Għaliex l-NGOs staqsew għal aktar ħin ilbieraħ!

**ONOR. ROSIANNE CUTAJAR:** L-NGOs huma liberi li jiġu hawnhekk, jingħataw l-opportunità li jitkellmu … (Interruzzjonijiet)

**ONOR. REBEKAH BORG:** L-NGOs għamlu statement ilbieraħ u qed jitolbu għal aktar ħin u aħna qed nagħmlu l-istess. (Interruzzjonijiet)

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Jekk jogħġobkom, inżommu l-ordni. L-Onor. Naomi Cachia.

**ONOR. NAOMI CACHIA:** Mhu veru xejn li qed tagħmlu hekk għaliex l-NGOs talbu aktar ħin ilbieraħ, għaliex il-ġimgħa l-oħra wkoll bdejna bit-trikki trakki xħin ipproponejna biex il-Kumitat jiltaqa' lbieraħ! Għedtulna li ma tridux tinnominaw membri. Bir-rispett kollu, ejjew inkunu onesti man-nies.

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Grazzi. Aktar rimarki? L-Onor. Graziella Attard Previ.

**ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI:** Qed jingħad ripetutament li dan l-Abbozz ingħata lili f'Marzu. Jien naċċetta li ngħata lili f'Marzu però f'ġieħ il-korrettezza, u f'ġieħ l-irġulija, għaliex jien dejjem imxejt bl-irġulija u hekk imxejt ukoll meta kelli dawn it-taħdidiet mal-Onor. Rebekah Buttigieg, il-ftehim kien li filwaqt li għaddietli dan l-Abbozz, dan kien qiegħed jingħata lili b'mod informali u ssottolinjat li huwa għalija u mhux biex inkun nista' liberament naqsmu mal-NGOs u mal-istakeholders biex verament nilqa' t-tħassib li dawn seta' kellhom. U għaliex jien nimxi b'mod rett, qabel ma kelli l-Abbozz b'mod formali u finali, u taf li tlabthulek, Ministru, u mill-ewwel għedtlek li qed nistenna … Jiġifieri

meta noqogħdu ngħidu ripetutament li l-Abbozz ilu f'idejn l-Oppożizzjoni minn Marzu li għadda, ejja nimxu bl-irġulija għaliex jien hekk nimxi.

Fil-mument li sar formali, imbagħad hemmhekk ġie mgħoddi wkoll lill-NGOs. Issa l-NGOs, kif qegħdin jgħidu tajjeb il-kollegi tiegħi, talbuna, anke fl-aħħar tal-ġimgħa l-oħra, biex ikollhom ftit aktar ċans jgħarblu dan l-Abbozz u anke biex aħna nkunu nistgħu nressqu l-emendi f'isimhom. Dak hu li qegħdin nitolbu. Dak tlabna, li jkun hemm ftit aktar ħin.

Bħalma taf, Ministru, jien kont lesta u kont minn ta' quddiem li offrejtlek biex niltaqgħu minn qabel biex niddiskutu l-emendi, però l-emendi jridu jkunu fit-totalità tagħhom. Fil-fatt, aħna qegħdin nitolbu ftit aktar ċans biex inressqu l-emendi kollha. Dan sal-lum il-ġurnata ma sarx u għalhekk ninsabu f'din il-pożizzjoni.

**ONOR. ROSIANNE CUTAJAR:** Onor. Attard Previ, qed tikkwota dawn l-erba' jew ħames NGOs li ħarġu stqarrija lbieraħ, però nistaqsi: L-Oppożizzjoni, li qed tgħid li taqbel fil-prinċipju, x'inhi l-pożizzjoni tagħha? Jien nifhem li l-Abbozz għadda għandek b'mod informali, imma intom tiltaqgħu bħala grupp parlamentari bħalma niltaqgħu aħna. Possibbli minn Marzu 'l hawn qatt ma kien hemm okkażjoni waħda fejn bħala grupp parlamentari ltqajtu u fformulajtu l-ħsieb tagħkom?

Uħud minnkom tkellimtu fuq dan l-Abbozz u wrejtu xi riservi u qajjimtu xi affarijiet oħrajn. Allura jien kont qed nistenna li bħala Oppożizzjoni tressqu l-emendi. Issa jekk naqblux magħhom jew le dik hija storja oħra. Imma intom ġejtu għal dan il-Kumitat mingħajr ma ppreparajtu emendi u qed tipprovaw tkaxkru saqajkom billi tikkwotaw u tgħidu li hemm erba' jew ħames NGOs li għandhom xi riservi.

Nerġa' ngħid, huma liberi li jiġu hawnhekk, jitkellmu magħna, iressqu l-concerns tagħhom u aħna nikkonsidraw li nagħmlu emendi jekk naqblu magħhom. Jekk ma naqblux magħhom, dik hija storja oħra. Dan il-Kumitat huwa miftuħ għal kulħadd u jistgħu jiġu huma stess jagħmlu l-pożizzjoni tagħhom. Se nerġa' nistaqsi: Il-pożizzjoni tal-Oppożizzjoni x'inhi fuq dan l-Abbozz? Favur l-ugwaljanza u d-drittijiet tal-bniedem, jew se jibqgħu jkaxkru saqajhom bl-iskuża li hemm numru ta' NGOs li qed juru tħassib? Qed nistaqsi anke għaliex f'pajjiżna għandna għexieren ta' NGOs u jien s'issa b'dik l-istqarrija waħda li qed tikkwotaw intom biss naf.

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Se tressqu xi emendi jew se tibqgħu tastjenu?

**ONOR. IVAN CASTILLO:** Naħseb għamilna l-pożizzjoni tagħna ċara.

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Grazzi. Aktar rimarki? L-Onor. Graziella Attard Previ.

**ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI:** Jien se ntenni dak li għadu kif qal l-Onor. Ivan Castillo, li l-pożizzjoni tagħna hija ċara u l-ispjegazzjoni tiegħi kienet ċara wkoll.

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Forsi nnaqqsu ftit ir-ripetizzjonijiet. L-Oppożizzjoni għamlitha ċara li se jastjenu biss u m'għandhomx emendi. In-naħa tal-Gvern tkompli tipproponi klawsola wara klawsola.

Aktar rimarki? L-Onor. Francesca Zarb.

**ONOR. FRANCESCA ZARB:** Nixtieq nagħmel l-aħħar punt. L-Oppożizzjoni qed tinħeba wara l-pożizzjoni ċara, li mhi ċara assolutament xejn għaliex meta jien għedtilkom li din hija kontradittorja erġajt ħadt l-istess risposta li din hija ċara! Jekk għalikom li taqbel, li tirriserva u li tastjeni fl-istess statement hija xi ħaġa ċara, għalija mhijiex, anzi hija inekwivoka u hija ambigwa għall-aħħar. Li jissorprendini huwa kif qegħdin tgħidu li qed taqblu mal-prinċipju, però fl-istess waqt qegħdin tgħidu li qegħdin tistennew il-konsultazzjoni jew dak kollu li jridu jressqu dawn l-NGOs. Mela jekk qegħdin tistennew, kif iddeċidejtu li tifformaw xorta l-opinjoni tagħkom u li qegħdin taqblu?! Aktar u aktar confusion worse confounded! Għalija mhi ċara xejn.

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Grazzi. Aktar rimarki? L-Onor. Rebekah Borg.

**ONOR. REBEKAH BORG:** Tajjeb niċċaraw li dan huwa Kumitat tekniku u mhux fejn jiġi diskuss il-prinċipju. Forsi għalhekk dak l-istatement mhux qed taqbel miegħu. Il-prinċipju u dan il-Kumitat ma jagħmlux sens flimkien għaliex fil-prinċipju aħna qed naqblu imma issa qegħdin fi stadju ta' teknika. Fil-fatt, fl-istadju tat-Tieni Qari aħna ivvotajna favur il-prinċipju.

Nixtieq nagħmel rimarka oħra. Aħna nirrappreżentaw lil kulħadd. Dawn il-ħames NGOs huma magħmulin minn nies u aħna nirrappreżentaw lil kulħadd u nisimgħu lil kulħadd. Għalhekk, peress li l-NGOs qed jgħidu li ma kellhomx biżżejjed ħin, u dan huma qed jgħiduh mhux aħna, li qed nitolbu huwa biex nistennew u nisimgħu lil kulħadd. Dak biss li qed nitolbu.

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Nistieden lis-Sur Charles Pace biex jintervjeni. Hawn permess? (Onor. Membri: Iva)

*Il-permess ingħata.*

**IS-SUR CHARLES PACE:** Jien Charles Pace minn Birkirkara. Kont lecturer tas-Social Policy fl-Università u jien membru attiv ta' diversi NGOs. Illum però mhu qed nirrappreżenta lil ħadd ħlief lili nnifsi. Li nista' ngħid huwa li ġennintuna f'erbat ijiem! Ilbieraħ domna sa nofsillejl bid-dawl maqtugħ u fiż-żmien li għaddej l-ikbar ġuri li qatt kellna f'Malta, fi żmien il-World Cup, fi żmien is-sajf u fi żmien meta l-biċċa l-kbira tal-avukati qegħdin bil-vaganzi, irridu f'daqqa waħda jkollna s-soluzzjonijiet!

Jien nemmen fil-prinċipju u billi temmen fil-prinċipju, xorta tista' ma taqbilx mad-dettalji. Jien nemmen fil-prinċipju li għandna ċans li bħala soċjetà nkunu flimkien. Jien inħossni frustrat għax il-proċedura ta' kif ikunu kkonsidrati l-klawsoli u l-emendi, mhijiex user-friendly. Li taqbad klawsola klawsola meta xi ħaġa li għandek fil-klawsola 1 tista' tkun affettwata mill-klawsola 17, huwa mod biex ma tagħtix libertà.

Jien jidhirli li l-ugwaljanza hija l-isbaħ ħaġa li teżisti. Naf ħafna nies, miż-żewġ naħat, tliet naħat u seba' naħat, li għandhom ħafna prinċipji sbieħ. Agħtuna ċ-ċans li niġu flimkien. Il-Latin jgħid *corruptio optimi pessima*, jiġifieri l-aqwa ħaġa, jekk tikkorrompiha, tagħmilha l-agħar ħaġa. Għandna ċans li bħala soċjetà niftiehmu flimkien. Hawn min jaħseb li kull min huwa reliġjuż huwa mġennen biex jispara u joqtol lil min hu LGBTIQ u allaħares ma nagħlquhomx ħalqhom, u nagħmlu insinwazzjonijiet kontrihom, u nillimitawlhom il-libertà tagħhom li jimpjegaw lil min iridu għax dawn se jeqirdu s-soċjetà! Jien naf ħafna minn dawn, u naf ħafna min-naħa tal-LGBTIQ, li huma fost l-aqwa ħbieb tiegħi. Għaliex se titilfu dan iċ-ċans? Ejjew nafdaw daqsxejn fina nfusna! Hemm għalfejn inkunu dawk li jagħmlu limitazzjonijiet fuq postijiet differenti?! F'Malta għandna ħafna sens komun. Let's step into it.

Fost in-nies li kellimt hemm nies li huma mħassba fuq tliet affarijiet. Waħda minnhom hija jekk dawk li għandhom ċertu twemmin morali u jesprimuh, ikunux qed jiksru l-liġi. L-istess jekk jgħallmuh. Jiġifieri dawn jinsabu mħassba li jekk huma jgħallmu u jesprimu għalfejn jaħsbu li a ċerta way of life qed tagħmel ħsara fis-soċjetà u jagħtu r-raġunijiet tagħhom, ikunux qed jiksru l-liġi jew le. Il-liġi mhijiex ċara. Hemm bżonn nagħmluha ċara.

It-tieni tħassib huwa dwar l-impjieg. Kien hemm kawżi quddiem il-Qorti Ewropea fejn intqal li għar-rigward tal-ethos reliġjuż, meta niġu għall-impjieg fl-iskejjel, jekk inhuwa headmaster trid tidħol fil-ħajja personali tiegħu u tara t-twemmin tiegħu imma jekk inhuwa counsellor, m'hemmx għalfejn. Aħna rridu li dan jiġi deċiż case by case. U jien ħadt gost li min kiteb din il-liġi għamel il-homework tiegħu għaliex daħħal il-kriterju li kien hemm f'dawn is-sentenzi tal-Qorti tal-Unjoni Ewropea li jgħid li għandu jkun dejjem proporzjonat.

Hawnhekk niġi għall-kwestjoni ta' x'relazzjoni hemm bejn l-astratt u l-ġenerali u l-partikolari. L-Unjoni Ewropea ddeċidiet li tagħmel provvedimenti ġenerali u tgħid li basta jkun proporzjonat. Imma jekk lil min irid josserva din il-liġi kulma tgħidlu huwa li basta jkun proporzjonat, allura int qatt mhu se tkun taf x'se tgħid il-liġi sakemm ma tinqata' l-kundanna fuqek u tkissrek! Il-bqija se jkollok tagħmel defensive practice. Din taffettwa mhux biss lir-reliġjużi imma lil kull istituzzjoni li tgħallem. Pereżempju jekk il-Partit Laburista jrid jimpjega lil xi ħadd biex jgħallem fi skola tiegħu u dan għomru u żmienu jeħodha kontra l-Partit Laburista, huwa obbligat li jgħallmu għax il-liġi hija vaga. Għaliex ma nagħmlux l-affarijiet aktar preċiżi?

Jien nissuġġerixxi tibdil għall-klawsola 5, li għaddiet sparata minn quddiemna meta hija klawsola daqshekk kruċjali u naf b'nies li huma inkwetati ħafna fuqha. Nissuġġerixxi li dawn id-distinzjonijiet, fejn ngħidu li jekk huwa headmaster jista' u jekk huwa teacher tal-Matematika ma jistax …

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Inti għandek xi proposti?

**IS-SUR CHARLES PACE:** Iva, għandi proposti partikolari.

**ONOR. ROSIANNE CUTAJAR:** Forsi nistgħu nistiednu lil Dr Cheryl Azzopardi, avukat fi ħdan il-Human Rights Directorate, tingħaqad magħna. Jien jidhirli li dan il-punt ġie diskuss mal-Knisja u ġie sorvolat. Fil-fatt, il-Knisja għandha ċertu saħħa biex fi ħdan l-istrutturi tagħha, jittieħdu deċiżjonijiet ta' dan it-tip b'rabta mal-impjieg tal-persuna. Jiġifieri mhux qegħdin nillimitaw il-poteri tal-Knsija fejn jidħlu l-istrutturi tagħha.

**IS-SUR CHARLES PACE:** Hija vaga ħafna.

**ONOR. ROSIANNE CUTAJAR:** Ma naħsibx li hija vaga, anzi fl-opinjoni tiegħi hija ċara.

**IS-SUR CHARLES PACE:** Jekk qed jgħidlek li tkun deċiża case by case, kif tista' tkun aktar vaga minn hekk? Imma fuq livell Ewropew …

(Interruzzjonijiet)

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Ippermettuli naqra, ħalli tirrispondi l-esperta. Bdejt naraha tagħmel is-sinjal li ma kenitx qed tisma' sewwa minn hemm wara.

**IS-SUR CHARLES PACE:** Jien ma nismax. Jien disabled imma ma tistax tagħmel diskriminazzjoni kontrija. Ma kontux qed tinstemgħu.

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Għalhekk għedtilhom biex jgħajjtu. Nistieden lil Dr Cheryl Azzopardi biex tagħtina spjegazzjoni dwar il-klawsola 5. Hawn permess? (Onor. Membri: Iva)

*Il-permess ingħata.*

**DR CHERYL AZZOPARDI (Avukat fi ħdan il-Human Rights Directorate):** Sur Pace, il-punt li qajjimt int fir-rigward tal-klawsola 5 huwa li hija vaga? Għal liema biċċa qed tirreferi, jekk jogħġbok?

**IS-SUR CHARLES PACE:** Qed jingħad li għandu jkun "proporzjonat". Proporzjonat, xiex? Jien għandi proposti konkreti.

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Dr Azzopardi, is-Sur Pace staqsa jekk skola tal-Knisja għandhiex il-libertà li persuna li ma tħaddanx ir-reliġjon Kattolika ma jimpjegawhiex proprju għaliex l-impjieg huwa fi skola tal-Knisja. Jista' jkun hemm kuntesti differenti imma ssemma dan il-kuntest, u allura nixtieqn kjarifika dwaru.

**DR CHERYL AZZOPARDI:** Dak il-punt aħna kkonsultajna mal-Knisja fuqu.

**IS-SUR CHARLES PACE:** Tal-Knisja ma jafux li kkonsultajtuhom!

**DR CHERYL AZZOPARDI:** Ikkonsultajna mal-Knisja.

(Interruzzjonijiet)

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Jekk jogħġbok, sinjur. M'hemmx cross debate. Din mhijiex diskussjoni. Se tagħmel l-ispjegazzjoni Dr Azzopardi, imbagħad jekk ikollok kummenti ulterjuri, tista' tagħmilhom imma se nitolbok biex kemm jista' jkun nagħlqu ħalli nkomplu bil-klawsoli l-oħra.

Dr Azzopardi.

**DR CHERYL AZZOPARDI:** Biex innaqqsu l-ambigwità, fis-subklawsola (3) tal-klawsola 5 għamilna referenza għal-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 452.95, li huma r-Regolamenti dwar Trattament Ugwali fl-Impjiegi. Dawn jirreferu għall-ħsieb reliġjuż u hemm section sħiħa li se nkunu qed napplikawha b'mod dirett.

**ONOR. ROSIANNE CUTAJAR:** Jiġifieri mhux talli mhux vaga, talli qegħdin nirreferu għaliha speċifikament.

**IS-SUR CHARLES PACE:** Is-subklawsola 5(2) tgħid hekk:

> "(2) Fir-rigward tal-aċċess għall-impjieg, trattament anqas favorevoli li jkun ibbażat fuq kwalunkwe waħda mill-karatteristika protetta, ma għandux jitqies bħala trattament diskriminatorju meta minħabba r-raġuni tan-natura tal-attivitajiet okkupazzjonali partikolari involuti, jew tal-kuntest li fih dawn isiru, dik il-karatteristika tikkostitwixxi rekwiżit okkupazzjonali ġenwin u determinanti sakemm l-għan ikun leġittimu u l-ħtieġa tkun proporzjonata."

**DR CHERYL AZZOPARDI:** Din is-subklawsola li qed taqra int hija aktar ġenerali, għandek raġun, però s-subklawsola (3) imbagħad tagħmel cross-reference għal-Leġiżlazzjoni Sussidjarja, li tidħol aktar fl-ethos reliġjuż u hija aktar speċifika. Fil-fatt, il-Knisja, meta wrejnieha dak l-artikolu tal-Leġiżlazzjoni Sussidjarja, li anke kieku m'għandniex cross-reference għalih, xorta kien se japplika, kienet aktar komda li nagħmlu cross-reference għalih b'mod dirett u hekk għamilna. Jiġifieri jekk nidħlu f'din il-Leġiżlazzjoni Sussidjarja se nsibu l-ethos reliġjuż kif se jkun qed japplika.

**IS-SUR CHARLES PACE:** X'jgħid dan l-artikolu, jekk jogħġbok?

(off mic)

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Nistgħu nkomplu bid-diskussjoni u meta Dr Azzopardi ssib l-artikolu partikolari, nerġa' nsejħilha u tispjega.

**DR CHERYL AZZOPARDI:** Sibtu.

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Tajjeb.

**DR CHERYL AZZOPARDI:** Is-subklawsola (3) tal-klawsola 5 tagħmel cross-reference għal-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 452.95, li s-subartikolu 4(2) tagħha jgħid hekk:

> "(2) Meta prinċipal ikollu ethos imsejjes fuq reliġjon jew twemmin reliġjuż, u meta jitqies dak l-ethos, in-natura tal-impieg jew il-kuntest li fih isir jikkostitwixxu ġustifikazzjoni biżżejjed ġenwina u leġittima biex il-prinċipal jitlob li dak ix-xogħol isir minn persuna ta' reliġjon jew twemmin reliġjuż partikolari, kull differenza ta' trattament ibbażata fuq ir-reliġjon jew it-twemmin reliġjuż ta' persuna m'għandhiex tikkostitwixxi trattament diskriminatorju, sakemm ikun proporzjonat li jiġi applikat dak ir-rekwiżit f'dak il-każ partikolari."

Meta kkomunikajna mal-Knisja xtaqu li ssir din il-cross-reference, u għamilnieha hawnhekk fil-klawsola 5.

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Mela kif qed tgħidilna Dr Azzopardi, saret konsultazzjoni mal-Knisja u bi qbil magħhom, saret din il-cross-reference għal-Leġiżlazzjoni Sussidjarja. Hawn aktar rimarki fuq il-klawsola 5? (Onor. Membri: No) Nistgħu nkomplu bil-proċedimenti għax il-klawsola 5 kienet għaddiet.

**IS-SUR CHARLES PACE:** Nista' nsemmi żewġ punti oħra?

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Iva, mela le.

**ONOR. ROSIANNE CUTAJAR:** Hawnhekk niddiskutu klawsola, klawsola.

**IS-SUR CHARLES PACE:** Dik hi l-problema! L-ewwel wieħed jitkellem fuq il-prinċipji, imbagħad jitkellem fuq klawsola, klawsola!

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Sinjur, hawnhekk qegħdin fi stadju ta' kumitat. Dan huwa Kumitat tekniku. Jiġifieri hawnhekk niddiskutu t-teknikalità ta' kull klawsola. Nirringrazzjak ħafna. Meta tkun trid titkellem fuq it-teknikalità ta' xi klawsoli … (Interruzzjonijiet)

**IS-SUR CHARLES PACE:** Il-klawsola kif qiegħda, it goes 80% of the way.

**ONOR. ROSIANNE CUTAJAR:** Sur Pace, Dr Azzopardi għadha kif spjegajtlek li mhux talli mhijiex vaga, talli bi qbil mal-Knisja, għax aħna għamilna konsultazzjoni anke mal-Knisja, daħħalna din ir-referenza. Dik hija xi ħaġa li lilhom tagħtihom konfort.

**IS-SUR CHARLES PACE:** Din tgħodd ukoll għall-kwestjonijiet politiċi? Għax issa tistgħu tqabbdu xi ħadd Nazzjonalist jgħallem fl-iskejjel tagħkom bla ebda …

**ONOR. RAMONA ATTARD:** M'hemmx skejjel!

**IS-SUR CHARLES PACE:** Dak huwa l-parir tiegħi.

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Grazzi. Naħseb li s-sinjur, wara l-ispjega tal-espert, jidher li huwa konvint minn dik il-klawsola wkoll. Aktar rimarki? L-Onor. Rebekah Borg.

**ONOR. REBEKAH BORG:** Ma naħsibx li qal hekk is-sinjur, li huwa konvint … (Interruzzjonijiet)

**ONOR. IVAN CASTILLO:** Onor. Attard, ma naħsibx li xogħlok huwa li tagħti opinjoni dwar x'qal u ma qalx, u x'ħaseb u ma ħasibx!

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Onor. Castillo, m'għaddejtx opinjoni għax is-sinjur stess qal li it goes 80% of the way. Korretta? (off mic) Eżatt. Jiġifieri ma kenitx opinjoni imma fatt li qal.

**ONOR. REBEKAH BORG:** 80% mhijiex konvinzjoni! Nixtieq nagħmel referenza teknika għas-subartikolu li kkwotat Dr Azzopardi. Dan jispiċċa hekk:

> "... sakemm ikun proporzjonat li jiġi applikat dak ir-rekwiżit f'dak il-każ partikolari."

Dak il-punt huwa importanti ħafna fl-aspett tekniku li qed nitkellmu fuqu.

Nerġa' nagħmel referenza għall-istatement li ħareġ ilbieraħ minn ħames NGOs, li fosthom hemm is-Secretariat for Catholic Education u ċ-Church Schools Association. Dawn s'issa qed jitolbu għal perjodu ta' konsultazzjoni dwar dan l-Abbozz ta' Liġi. Forsi l-Ministru tista' tiċċara jekk saritx konsultazzjoni mas-Secretariat for Catholic Education u maċ-Church Schools Association, peress li qed tgħid li l-Knisja hija kuntenta b'dan l-Abbozz ta' Liġi li għandna quddiemna llum, u peress li lbieraħ ħarġet din l-istqarrija għall-istampa għal aktar ħin għall-konsultazzjoni.

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Onor. Borg u kulħadd preżenti f'dan il-Kumitat, ejja nżommu l-ordni. Qed nifhem li dak li qed jingħad fuq l-istqarrija tal-Knisja m'għandux x'jaqsam mal-klawsola 10.

**ONOR. REBEKAH BORG:** L-istqarrija ma kenitx tal-Knisja. Ħarġet stqarrija waħda minn numru ta' NGOs. Pereżempju waħda minnhom hija l-Malta Chamber of Pharmacists.

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Onor. Borg, qed insemmu affarijiet li għandhom x'jaqsmu mal-klawsola 5, naqblu?

**ONOR. REBEKAH BORG:** Jien qed nirreferi għall-klawsola 5. Nerġa' nirrepeti li lbieraħ ħareġ statement minn numru ta' NGOs, fosthom il-Malta Chamber of Pharmacists, li ma jidhirlix li hija l-Knisja, u għalhekk aħna, f'isem dawn l-NGOs u f'isem kull persuna li nirrappreżentaw, qed nitolbu għal aktar ħin biex niddiskutu dan l-Abbozz ta' Liġi, inkluż il-klawsola 5.

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Klawsola 5 għaddiet. Kulħadd kellu l-opportunità biex jitkellem fuq dik il-klawsola għax staqsejt għall-kummenti. Dik il-klawsola għaddiet. Id-diskussjoni fuqha għalhekk lesta.

Hawn aktar kummenti fuq il-klawsola 10? (Onor. Membri: No) Il-mistoqsija hija klawsola 10. Dawk favur? (Onor. Membri: Aye) Dawk kontra? L-Onor. Ivan Castillo.

**ONOR. IVAN CASTILLO:** L-Oppożizzjoni taqbel mal-prinċipju ta' dan l-artikolu iżda minħabba nuqqas ta' konsultazzjoni u skrutinju adegwat, tirriżerva l-pożizzjoni u l-vot tagħha sakemm jitlesta b'mod xieraq il-proċess parlamentari.

*Klawsola 10 għaddiet u ġiet ordnata biex issir parti mill-Abbozz ta' Liġi.*

**Klawsola 11 –** Aċċess u provvista ta' oġġetti u servizzi.
**Clause 11 –** Access to goods and services and their supply.

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Rimarki? Il-Ministru.

**ONOR. ROSIANNE CUTAJAR:** Din il-klawsola tipprojbixxi diskriminazzjoni fl-aċċess għal oġġetti u servizzi u l-provvista tagħhom, kemm fil-pubbliku kif ukoll fil-privat. Trattament differenzjali huwa permess f'każ li jkun ġustifikat minn xi għan leġittimu u l-mezzi biex jintlaħaq dak l-għan ikunu adatti u meħtieġa. Din il-klawsola ma tapplikax għal impjieg jew affarijiet ta' min jimpjega lili nnifsu.

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Grazzi. Aktar rimarki? Is-Sur Charles Pace. Fil-qosor, jekk jogħġbok.

**IS-SUR CHARLES PACE:** Nissuġġerixxi li meta provditur ta' servizz, filwaqt li jkun qiegħed jipprovdi dak is-servizz ikun qiegħed ukoll jippromwovi a way of life li hija l-kontra l-prinċipji tiegħu, dan ma jkunx marbut bil-liġi. Pereżempju jekk jien dulċier u jgħiduli biex nagħmel cake for same sex marriage, jien

obbligat li nagħmlu, imma ma nkunx obbligat li npoġġih fil-vetrina għax jekk inpoġġih fil-vetrina, inkun qed nippromwovi the way of life. L-eżempju huwa daqsxejn ridikolu imma li qed nissuġġerixxi huwa li jkun hemm klawsola li tgħid li min huwa obbligat jipprovdi servizz lil xi ħadd minn xi minoranza eċċ., dan mhuwiex obbligat li jippromovi wkoll the way of life. Qed nitkellem dejjem fuq persuna individwali.

**ONOR. ROSIANNE CUTAJAR:** Din il-liġi mhija qed tobbliga lil ħadd. Però nixtieq nirrimarka li meta nirrikonoxxu r-realtajiet ta' pajjiżna, ma nkunu qed nippromwovu l-ebda stil ta' ħajja. Hawnhekk qegħdin nitkellmu fuq realtajiet u fuq orjentazzjonijiet sesswali differenti u billi nirrikonoxxuhom u nagħtuhom id-drittijiet ma jfissirx li qed nippromwovu jew inħeġġu lil xi ħadd għal dak l-istil ta' ħajja.

**IS-SUR CHARLES PACE:** Il-liġi mimlija provvedimenti li jgħidu li X ma jikkostitwixxix diskriminazzjoni, pereżempju. Allura għalfejn ma tgħidx illi persuna li tipprovdi servizz in the process tippermetti li ma tippromwovihx, dak huwa diskriminazzjoni?!

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Grazzi. Aktar rimarki? (Onor. Membri: No) Il-mistoqsija hija klawsola 11. Dawk favur? (Onor. Membri: Aye) Dawk kontra? L-Onor. Ivan Castillo.

**ONOR. IVAN CASTILLO:** L-Oppożizzjoni taqbel mal-prinċipju ta' dan l-artikolu iżda minħabba nuqqas ta' konsultazzjoni u skrutinju adegwat, tirriżerva l-pożizzjoni u l-vot tagħha sakemm jitlesta b'mod xieraq il-proċess parlamentari.

*Klawsola 11 għaddiet u ġiet ordnata biex issir parti mill-Abbozz ta' Liġi.*

**Klawsola 12** – Banek, fornituri ta' servizzi finanzjarji u assiguraturi.
**Clause 12** – Banks, financial service providers and insurers.

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Rimarki? Il-Ministru.

**ONOR. ROSIANNE CUTAJAR:** Din il-klawsola tistabbilixxi li banek, fornituri ta' servizzi finanzjarji u assiguraturi m'għandhomx jiddiskriminaw fl-aċċess jew fil-provvista tas-servizzi tagħhom. Trattament differenzjali huwa permess sakemm il-kundizzjonijiet li taħthom tiġi offruta jew miżmuma l-faċilità, is-servizz jew l-assigurazzjoni, jirriflettu kunsiderazzjonijiet ġenwini bbażati fuq riskju finanzjarju. L-assiguraturi u l-provdituri tas-servizzi finanzjarji għandhom l-obbligu ta' notifika annwali lill-Kummissjoni meta japplikaw dan it-trattament differenzjali.

Nipproponi din l-emenda:

"B" Il-klawsola 12 għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) is-subklawsola (3) tagħha għandha tiġi sostitwita b'din is-subklawsola ġdida li ġejja:

"(3) Is-subartikoli (1) u (2) ma għandhomx jitqiesu li jikkostitwixxu diskriminazzjoni fejn il-kondizzjonijiet li taħthom tiġi offruta jew miżmuma l-faċilità, is-servizz jew l-assigurazzjoni jkunu bbażati fuq konsiderazzjonijiet ġenwini relatati mar-riskju finanzjarju fil-provvista ta' tali faċilitajiet, servizzi jew assigurazzjoni.";

(b) is-subklawsola (4) tagħha għandha tiġi sostitwita b'din is-subklawsola ġdida li ġejja:

"(4) Għall-finijiet tas-subartikolu (3), fornituri ta' servizz imsemmi f'dan l-artikolu li jużaw kwalunkwe karatteristika protetta bħala fattur determinanti għall-kondizzjonijiet li taħthom is-servizz huwa offrut jew miżmum għandhom jissottomettu notifika annwali lill-Kummissjoni, li għandha tinkludi d-dettalji li ġejjin:

(a) l-isem tal-fornitur tas-servizz;

(b) il-prodott jew is-servizz li dwaru tkun ġiet sottomessa n-notifika;

(ċ) ir-raġuni prinċipali għall-użu tal-karatteristika protetta bħala fattur determinanti; u

(d) id-data statistika attwarjali li fuqha tali raġuni prinċipali tkun ibbażata.".

"B" Clause 12 shall be amended as follows:

(a) sub-clause (3) thereof shall be substituted by the following new sub-clause:

"(3) Sub-articles (1) and (2) shall not be considered to constitute discrimination where the conditions under which the facility, service or insurance is offered or withheld are based on genuine considerations relating to financial risk in the provision of such facility, service or insurance.";

(b) sub-clause (4) thereof shall be substituted by the following new sub-clause:

"(4) For the purposes of sub-article (3), service providers referred to in this article who use any protected characteristic as a determining factor in the conditions under which a service is offered or withheld shall submit an annual notification to the Commission, which shall include the following details:

(a) the name of the service provider;

(b) the product or service in relation to which the notification is submitted;

(c) the rationale for the use of the protected characteristic as a determining factor; and

(d) the actuarial statistical data on which such rationale is based.".

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Grazzi. Aktar rimarki? (Onor. Membri: No) Il-mistoqsija hija l-emenda għall-klawsola 12 kif imressqa u moqrija mill-Ministru. Dawk favur? (Onor. Membri: Aye) Dawk kontra? L-Onor. Ivan Castillo:

**ONOR. IVAN CASTILLO:** L-Oppożizzjoni taqbel mal-prinċipju ta' dan l-artikolu iżda minħabba nuqqas ta' konsultazzjoni u skrutinju adegwat, tirriżerva l-pożizzjoni u l-vot tagħha sakemm jitlesta b'mod xieraq il-proċess parlamentari.

*L-Emenda "B" għaddiet.*

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Il-mistoqsija hija klawsola 12 kif emendata. Dawk favur? (Onor. Membri: Aye) Dawk kontra? L-Onor. Ivan Castillo.

**ONOR. IVAN CASTILLO:** L-Oppożizzjoni taqbel mal-prinċipju ta' dan l-artikolu iżda minħabba nuqqas ta' konsultazzjoni u skrutinju adegwat, tirriżerva l-pożizzjoni u l-vot tagħha sakemm jitlesta b'mod xieraq il-proċess parlamentari.

*Klawsola 12, kif emendata, għaddiet u ġiet ordnata biex issir parti mill-Abbozz ta' Liġi.*

**Klawsola 13 –** Persuni b'diżabilità
**Clause 13 –** Persons with disability.

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Rimarki? Il-Ministru.

**ONOR. ROSIANNE CUTAJAR:** Din il-klawsola tipprovdi li l-protezzjoni kontra diskriminazzjoni fl-aċċess għal oġġetti u servizzi f'dan l-Att ma tagħtix drittijiet jew obbligi ġodda lil persuni b'diżabilità *oltre* minn dawk li diġà għandhom fil-liġi, kif ukoll ma tnaqqas l-ebda dritt stabbilit skont liġijiet oħra.

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Grazzi. Aktar rimarki? (Onor. Membri: No) Il-mistoqsija hija klawsola 13. Dawk favur? (Onor. Membri: Aye) Dawk kontra? L-Onor. Ivan Castillo.

**ONOR. IVAN CASTILLO:** L-Oppożizzjoni taqbel mal-prinċipju ta' dan l-artikolu iżda minħabba nuqqas ta' konsultazzjoni u skrutinju adegwat, tirriżerva l-pożizzjoni u l-vot tagħha sakemm jitlesta b'mod xieraq il-proċess parlamentari.

*Klawsola 13 għaddiet u ġiet ordnata biex issir parti mill-Abbozz ta' Liġi.*

**Klawsola 14 –** Fatturi għal data statistika attwarjali.
**Clause 14 –** Actuarial statistical data factors.

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Rimarki? Il-Ministru.

**ONOR. ROSIANNE CUTAJAR:** Din il-klawsola tidħol fid-dettall fuq l-użu tas-sess bħala

fattur fil-kalkolu tal-premjijiet u tal-benefiċċji fl-assigurazzjoni. Din il-klawsola tirrifletti l-prinċipji stabbiliti fil-kawża *Test-Achats*, li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ddeċidiet li l-użu tas-sess biex l-assiguratur jiddetermina prezzijiet differenti għal premiums u benefiċċji ma jistax jibqa' jsir mill-2012 'il quddiem.

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Grazzi. Aktar rimarki? (Onor. Membri: No) Il-mistoqsija hija klawsola 14. Dawk favur? (Onor. Membri: Aye) Dawk kontra? L-Onor. Ivan Castillo.

**ONOR. IVAN CASTILLO:** L-Oppożizzjoni taqbel mal-prinċipju ta' dan l-artikolu iżda minħabba nuqqas ta' konsultazzjoni u skrutinju adegwat, tirriżerva l-pożizzjoni u l-vot tagħha sakemm jitlesta b'mod xieraq il-proċess parlamentari.

*Klawsola 14 għaddiet u ġiet ordnata biex issir parti mill-Abbozz ta' Liġi.*

**Klawsola 15** – L-eżerċizzju tad-dritt tal-moviment liberu.
**Clause 15** – Exercise of the rights of freedom of movement.

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Rimarki? Il-Ministru.

**ONOR. ROSIANNE CUTAJAR:** Din il-klawsola tipprovdi li l-ebda ċittadin tal-Unjoni Ewropea jew membru tal-familja tiegħu m'għandu jkun iddiskriminat abbażi tan-nazzjonalità meta jeżerċita d-drittijiet imsemmija f'din il-klawsola.

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Grazzi. Aktar rimarki? (Onor. Membri: No) Il-mistoqsija hija klawsola 15. Dawk favur? (Onor. Membri: Aye) Dawk kontra? L-Onor. Ivan Castillo.

**ONOR. IVAN CASTILLO:** L-Oppożizzjoni taqbel mal-prinċipju ta' dan l-artikolu iżda minħabba nuqqas ta' konsultazzjoni u skrutinju adegwat, tirriżerva l-pożizzjoni u l-vot tagħha sakemm jitlesta b'mod xieraq il-proċess parlamentari.

*Klawsola 15 għaddiet u ġiet ordnata biex issir parti mill-Abbozz ta' Liġi.*

**Klawsola 16** – Proċeduri ċivili.
**Clause 16** – Civil proceedings.

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Rimarki? Il-Ministru.

**ONOR. ROSIANNE CUTAJAR:** Din il-klawsola tagħti dritt ta' azzjoni quddiem il-qorti kompetenti fil-każ ta' ksur ta' dritt protett taħt dan l-Att. Il-qorti tista' tordna ħlas ta' kumpens, kemm għal danni finanzjarji kif ukoll danni morali. Din il-klawsola tipprovdi wkoll li fil-każ ta' proċeduri mibdija skont din l-istess klawsola, għandu japplika l-prinċipju tal-inverżjoni tal-oneru tal-prova.

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Grazzi. Aktar rimarki? (Onor. Membri: No) Il-mistoqsija hija klawsola 16. Dawk favur? (Onor. Membri: Aye) Dawk kontra? L-Onor. Ivan Castillo.

**ONOR. IVAN CASTILLO:** L-Oppożizzjoni taqbel mal-prinċipju ta' dan l-artikolu iżda minħabba nuqqas ta' konsultazzjoni u skrutinju adegwat, tirriżerva l-pożizzjoni u l-vot tagħha sakemm jitlesta b'mod xieraq il-proċess parlamentari.

*Klawsola 16 għaddiet u ġiet ordnata biex issir parti mill-Abbozz ta' Liġi.*

**Klawsola 17** – Kummissjoni Nazzjonali għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Ugwaljanza.
**Clause 17** – National Commission for Human Rights and Equality.

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Rimarki? Il-Ministru.

**ONOR. ROSIANNE CUTAJAR:** Din il-klawsola tistabbilixxi l-Kummissjoni Nazzjonali għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Ugwaljanza, li għandha l-irwol li tippromwovi u tipproteġi d-drittijiet tal-bniedem, u d-dritt għal trattament ugwali u non-diskriminazzjoni. Din il-klawsola tipprovdi wkoll il-prinċipji li għandhom jiggwidaw lill-Kummissjoni.

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Grazzi. Aktar rimarki? (Onor. Membri: No) Il-mistoqsija hija klawsola 17. Dawk favur? (Onor. Membri: Aye) Dawk kontra? L-Onor. Ivan Castillo.

**ONOR. IVAN CASTILLO:** L-Oppożizzjoni taqbel mal-prinċipju ta' dan l-artikolu iżda minħabba nuqqas ta' konsultazzjoni u skrutinju adegwat, tirriżerva l-pożizzjoni u l-vot tagħha sakemm jitlesta b'mod xieraq il-proċess parlamentari.

*Klawsola 17 għaddiet u ġiet ordnata biex issir parti mill-Abbozz ta' Liġi.*

**Klawsola 18 –** Kompożizzjoni tal-Kummissjoni.
**Clause 18 –** Composition of the Commission.

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Rimarki? Il-Ministru.

**ONOR. ROSIANNE CUTAJAR:** Il-klawsola 18 hija dwar il-kompożizzjoni tal-Kummissjoni, li se tkun magħmulha mill-Kummissarju u disa' membri oħra, jiġifieri għaxar membri b'kollox.

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Grazzi. Aktar rimarki? (Onor. Membri: No) Il-mistoqsija hija klawsola 18. Dawk favur? (Onor. Membri: Aye) Dawk kontra? L-Onor. Ivan Castillo.

**ONOR. IVAN CASTILLO:** L-Oppożizzjoni taqbel mal-prinċipju ta' dan l-artikolu iżda minħabba nuqqas ta' konsultazzjoni u skrutinju adegwat, tirriżerva l-pożizzjoni u l-vot tagħha sakemm jitlesta b'mod xieraq il-proċess parlamentari.

*Klawsola 18 għaddiet u ġiet ordnata biex issir parti mill-Abbozz ta' Liġi.*

**Klawsola 19 –** Eliġibbiltà.
**Clause 19 –** Eligibility.

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Rimarki? Il-Ministru.

**ONOR. ROSIANNE CUTAJAR:** Din il-klawsola tipprovdi l-kriterji tal-eliġibbiltà tal-Kummissarju u tal-membri. Il-Kummissarju għandu jkollu għarfien u ħames snin esperjenza professjonali fis-settur filwaqt li l-membri għandu jkollhom għarfien u tliet snin esperjenza professjonali jew volontarja fis-settur.

Nipproponi din l-emenda:

"Ċ" Fis-subklawsola (1) tal-klawsola 19 il-kliem "għarfien u" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "għarfien ta', u".

"C" In the Maltese version only, in sub-clause (1) of clause 19 the words "għarfien u" shall be substituted by the words "għarfien ta', u".

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Grazzi. Aktar rimarki? (Onor. Membri: No) Il-mistoqsija hija l-emenda għall-klawsola 19 kif imressqa u moqrija mill-Ministru. Dawk favur? (Onor. Membri: Aye) Dawk kontra? L-Onor. Ivan Castillo.

**ONOR. IVAN CASTILLO:** L-Oppożizzjoni taqbel mal-prinċipju ta' dan l-artikolu iżda minħabba nuqqas ta' konsultazzjoni u skrutinju adegwat, tirriżerva l-pożizzjoni u l-vot tagħha sakemm jitlesta b'mod xieraq il-proċess parlamentari.

*L-Emenda "Ċ" għaddiet.*

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Il-mistoqsija hija klawsola 19 kif emendata. Dawk favur? (Onor. Membri: Aye) Dawk kontra? L-Onor. Ivan Castillo.

**ONOR. IVAN CASTILLO:** L-Oppożizzjoni taqbel mal-prinċipju ta' dan l-artikolu iżda minħabba nuqqas ta' konsultazzjoni u skrutinju adegwat, tirriżerva l-pożizzjoni u l-vot tagħha sakemm jitlesta b'mod xieraq il-proċess parlamentari.

*Klawsola 19, kif emendata, għaddiet u ġiet ordnata biex issir parti mill-Abbozz ta'* Liġi.

**Klawsola 20 –** Skwalifika.
**Clause 20 –** Disqualification.

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Rimarki? Il-Ministru.

**ONOR. ROSIANNE CUTAJAR:** Din il-klawsola tipprovdi lista ta' persuni li m'għandhomx ikunu eliġibbli biex jinħatru bħala Kummissarju jew membru tal-Kummissjoni.

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Grazzi. Aktar rimarki? (Onor. Membri: No) Il-mistoqsija hija klawsola 20. Dawk favur? (Onor. Membri: Aye) Dawk kontra? L-Onor. Ivan Castillo.

**ONOR. IVAN CASTILLO:** L-Oppożizzjoni taqbel mal-prinċipju ta' dan l-artikolu iżda minħabba nuqqas ta' konsultazzjoni u skrutinju adegwat, tirriżerva l-pożizzjoni u l-vot tagħha sakemm jitlesta b'mod xieraq il-proċess parlamentari.

*Klawsola 20 għaddiet u ġiet ordnata biex issir parti mill-Abbozz ta' Liġi.*

**Klawsola 21 –** Ħatra.
**Clause 21 –** Appointment.

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Rimarki? Il-Ministru.

**ONOR. ROSIANNE CUTAJAR:** Din il-klawsola tipprovdi l-metodu ta' ħatra tal-Kummissarju u tal-membri. Il-ħatra tal-Kummissarju ssir mill-President, li jaġixxi skont riżoluzzjoni tal-Kamra li tgħaddi b'maġġoranza ta' żewġ terzi tal-membri tagħha. Jekk ir-riżoluzzjoni ma tiksibx il-maġġoranza ta' żewġ terzi mal-ewwel jew mat-tieni vot, jittieħed it-tielet vot li jgħaddi b'maġġoranza sempliċi.

Min-naħa l-oħra, il-membri jinħatru billi l-kummissjoni ta' ħatra toħroġ sejħa pubblika, teżamina l-applikanti u tgħaddi r-rakkomandazzjonijiet tagħha lill-Kummissarju. Il-Kummissarju mbagħad jaħtar il-membri, fuq ir-rakkomandazzjoni magħmula mill-kummissjoni ta' ħatra.

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Grazzi. Aktar rimarki? (Onor. Membri: No) Il-mistoqsija hija klawsola 21. Dawk favur? (Onor. Membri: Aye) Dawk kontra? L-Onor. Ivan Castillo.

**ONOR. IVAN CASTILLO:** L-Oppożizzjoni taqbel mal-prinċipju ta' dan l-artikolu iżda minħabba nuqqas ta' konsultazzjoni u skrutinju adegwat, tirriżerva l-pożizzjoni u l-vot tagħha sakemm jitlesta b'mod xieraq il-proċess parlamentari.

*Klawsola 21 għaddiet u ġiet ordnata biex issir parti mill-Abbozz ta' Liġi.*

**Klawsola 22 –** Dikjarazzjoni u kunflitt ta' interess.
**Clause 22 –** Declaration and conflict of interest.

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Rimarki? Il-Ministru.

**ONOR. ROSIANNE CUTAJAR:** Din il-klawsola tistabbilixxi regoli dwar dikjarazzjoni ta' kunflitt ta' interess għall-membri tal-Kummissjoni u l-Kummissarju.

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Grazzi. Aktar rimarki? (Onor. Membri: No) Il-mistoqsija hija klawsola 22. Dawk favur? (Onor. Membri: Aye) Dawk kontra? L-Onor. Ivan Castillo.

**ONOR. IVAN CASTILLO:** L-Oppożizzjoni taqbel mal-prinċipju ta' dan l-artikolu iżda minħabba nuqqas ta' konsultazzjoni u skrutinju adegwat, tirriżerva l-pożizzjoni u l-vot tagħha sakemm jitlesta b'mod xieraq il-proċess parlamentari.

*Klawsola 22 għaddiet u ġiet ordnata biex issir parti mill-Abbozz ta' Liġi.*

**Klawsola 23 –** Terminu tal-kariga.
**Clause 23 –** Term of office.

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Rimarki? Il-Ministru.

**ONOR. ROSIANNE CUTAJAR:** F'din il-klawsola qegħdin ngħidu li t-terminu tal-kariga tal-Kummissarju u tal-membri huwa ta' ħames snin, u jista' jiġġedded darba biss.

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Grazzi. Aktar rimarki? (Onor. Membri: No) Il-mistoqsija hija klawsola 23. Dawk favur? (Onor. Membri: Aye) Dawk kontra? L-Onor. Ivan Castillo.

**ONOR. IVAN CASTILLO:** L-Oppożizzjoni taqbel mal-prinċipju ta' dan l-artikolu iżda minħabba nuqqas ta' konsultazzjoni u skrutinju adegwat, tirriżerva l-pożizzjoni u l-vot tagħha sakemm jitlesta b'mod xieraq il-proċess parlamentari.

*Klawsola 23 għaddiet u ġiet ordnata biex issir parti mill-Abbozz ta' Liġi.*

**Klawsola 24 –** Terminazzjoni u riżenja.
**Clause 24 –** Termination and resignation.

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Rimarki? Il-Ministru.

**ONOR. ROSIANNE CUTAJAR:** Din il-klawsola tistabbilixxi li l-Kummissarju u l-membri tal-Kummissjoni jitneħħew mill-kariga biss għal raġunijiet speċifiċi mill-President ta' Malta, wara indirizz tal-Kamra tad-Deputati li jkollu s-sostenn tal-voti ta' żewġ terzi tal-membri.

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Grazzi. Aktar rimarki? (Onor. Membri: No) Il-mistoqsija hija klawsola 24. Dawk favur? (Onor. Membri: Aye) Dawk kontra? L-Onor. Ivan Castillo.

**ONOR. IVAN CASTILLO:** L-Oppożizzjoni taqbel mal-prinċipju ta' dan l-artikolu iżda minħabba nuqqas ta' konsultazzjoni u skrutinju adegwat, tirriżerva l-pożizzjoni u l-vot tagħha sakemm jitlesta b'mod xieraq il-proċess parlamentari.

*Klawsola 24 għaddiet u ġiet ordnata biex issir parti mill-Abbozz ta' Liġi.*

**Klawsola 25 –** Proċeduri tal-Kummissjoni.
**Clause 25 –** Proceedings of the Commission.

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Rimarki? Il-Ministru.

**ONOR. ROSIANNE CUTAJAR:** Din il-klawsola tistabbilixxi kif il-Kummissjoni għandha twettaq il-laqgħat u l-proċeduri tagħha. Regoli dwar il-proċeduri tal-Kummissjoni għandhom isiru sa mhux aktar tard minn 12-il xahar mid-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att.

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Grazzi. Aktar rimarki? (Onor. Membri: No) Il-mistoqsija hija klawsola 25. Dawk favur? (Onor. Membri: Aye) Dawk kontra? L-Onor. Ivan Castillo.

**ONOR. IVAN CASTILLO:** L-Oppożizzjoni taqbel mal-prinċipju ta' dan l-artikolu iżda minħabba nuqqas ta' konsultazzjoni u skrutinju adegwat, tirriżerva l-pożizzjoni u l-vot tagħha sakemm jitlesta b'mod xieraq il-proċess parlamentari.

*Klawsola 25 għaddiet u ġiet ordnata biex issir parti mill-Abbozz ta' Liġi.*

**Klawsola 26 –** Kumitat Konsultattiv Permanenti.
**Clause 26 –** Standing Advisory Committee.

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Rimarki? Il-Ministru.

**ONOR. ROSIANNE CUTAJAR:** Din il-klawsola tistabbilixxi Kumitat Konsultattiv Permanenti fi ħdan il-Kummissjoni, magħmul minn kummissarji ta' kummissjonijiet differenti, biex jaqsmu l-għarfien tagħhom mal-Kummissjoni.

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Grazzi. Aktar rimarki? (Onor. Membri: No) Il-mistoqsija hija klawsola 26. Dawk favur? (Onor. Membri: Aye) Dawk kontra? L-Onor. Ivan Castillo.

**ONOR. IVAN CASTILLO:** L-Oppożizzjoni taqbel mal-prinċipju ta' dan l-artikolu iżda minħabba nuqqas ta' konsultazzjoni u skrutinju adegwat, tirriżerva l-pożizzjoni u l-vot tagħha sakemm jitlesta b'mod xieraq il-proċess parlamentari.

*Klawsola 26 għaddiet u ġiet ordnata biex issir parti mill-Abbozz ta' Liġi.*

**Klawsola 27 –** Rappreżentanza legali u ġuridika.
**Clause 27 –** Legal and judicial representation.

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Rimarki? Il-Ministru.

**ONOR. ROSIANNE CUTAJAR:** Din il-klawsola tipprovdi li r-rappreżentanza legali u ġuridika tal-Kummissjoni hija vestita fil-Kummissarju.

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Grazzi. Aktar rimarki? (Onor. Membri: No) Il-mistoqsija hija klawsola 27. Dawk favur? (Onor. Membri: Aye) Dawk kontra? L-Onor. Ivan Castillo.

**ONOR. IVAN CASTILLO:** L-Oppożizzjoni taqbel mal-prinċipju ta' dan l-artikolu iżda minħabba nuqqas ta' konsultazzjoni u skrutinju adegwat, tirriżerva l-pożizzjoni u l-vot tagħha sakemm jitlesta b'mod xieraq il-proċess parlamentari.

*Klawsola 27 għaddiet u ġiet ordnata biex issir parti mill-Abbozz ta' Liġi.*

**Klawsola 28 –** Funzjonijiet tal-Kummissjoni.
**Clause 28 –** Functions of the Commission.

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Rimarki? Il-Ministru.

**ONOR. ROSIANNE CUTAJAR:** Din il-klawsola telenka lista tal-funzjonijiet tal-Kummissjoni in linja mal-prinċipji ta' Pariġi u mad-direttivi dwar il-korpi tal-ugwaljanza.

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Grazzi. Aktar rimarki? (Onor. Membri: No) Il-mistoqsija hija klawsola 28. Dawk favur? (Onor. Membri: Aye) Dawk kontra? L-Onor. Ivan Castillo.

**ONOR. IVAN CASTILLO:** L-Oppożizzjoni taqbel mal-prinċipju ta' dan l-artikolu iżda minħabba nuqqas ta' konsultazzjoni u skrutinju adegwat, tirriżerva l-pożizzjoni u l-vot tagħha sakemm jitlesta b'mod xieraq il-proċess parlamentari.

*Klawsola 28 għaddiet u ġiet ordnata biex issir parti mill-Abbozz ta' Liġi.*

**Klawsola 29 –** Investigazzjonijiet u lmenti.
**Clause 29 –** Investigations and complaints.

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Rimarki? Il-Ministru.

**ONOR. ROSIANNE CUTAJAR:** Din il-klawsola hija dwar l-investigazzjonijiet u l-ilmenti quddiem il-Kummissjoni. Punt importanti huwa li l-investigazzjonijiet jistgħu jinqasmu fi tnejn. Għandek l-investigazzjonijiet ġenerali u indipendenti (*ex officio*), u l-investigazzjonijiet abbażi ta' lmenti. Kull assoċjazzjoni, organizzazzjoni, u entità legali tista' tippreżenta lment f'isem vittma. Il-preskrizzjoni hi ta' sentejn. Ilment jista' jsir bil-miktub jew online, bil-Malti jew bl-Ingliż. Kif jirċievi lment, il-Kummissarju għandu jinforma lill-ilmentatur jekk l-ilment ikunx se jitkompla jew le.

Meta lment huwa dwar diskriminazzjoni fuq bażijiet multipli, u waħda minnhom tkun id-diżabilità, il-Kummissarju jista' jikkonsulta mal-Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (CRPD). Meta lment huwa biss dwar diżabilità, għandu japplika l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs għal Persuni b'Diżabilità. Il-Kummissarju jista' joffri proċess ta' medjazzjoni fejn dan ikun xieraq.

Il-Kummissarju, il-membri tal-Kummissjoni u l-uffiċjali tal-Kummissjoni huma marbuta bil-kunfidenzjalità. Dawn is-servizzi tal-Kummissjoni huma mingħajr ħlas.

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Grazzi. Aktar rimarki? (Onor. Membri: No) Il-mistoqsija hija klawsola 29. Dawk favur? (Onor. Membri: Aye) Dawk kontra? L-Onor. Ivan Castillo.

**ONOR. IVAN CASTILLO:** L-Oppożizzjoni taqbel mal-prinċipju ta' dan l-artikolu iżda minħabba nuqqas ta' konsultazzjoni u skrutinju adegwat, tirriżerva l-pożizzjoni u l-vot tagħha sakemm jitlesta b'mod xieraq il-proċess parlamentari.

*Klawsola 29 għaddiet u ġiet ordnata biex issir parti mill-Abbozz ta' Liġi.*

**Klawsola 30 –** Ilmenti sottomessi minn persuni li jkunu miżmuma f'kustodja.
**Clause 30 –** Complaints submitted by persons detained in custody.

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Rimarki? Il-Ministru.

**ONOR. ROSIANNE CUTAJAR:** Din il-klawsola tirregola l-proċedura ta' sottomissjoni ta' lmenti li jsiru minn persuni li jkunu qegħdin jinżammu f'kustodja.

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Grazzi. Aktar rimarki? (Onor. Membri: No) Il-mistoqsija hija klawsola 30. Dawk favur? (Onor. Membri: Aye) Dawk kontra? L-Onor. Ivan Castillo.

**ONOR. IVAN CASTILLO:** L-Oppożizzjoni taqbel mal-prinċipju ta' dan l-artikolu iżda minħabba nuqqas ta' konsultazzjoni u skrutinju adegwat, tirriżerva l-pożizzjoni u l-vot tagħha sakemm jitlesta b'mod xieraq il-proċess parlamentari.

*Klawsola 30 għaddiet u ġiet ordnata biex issir parti mill-Abbozz ta' Liġi.*

**Klawsola 31 –** Ilmenti sottomessi minn pazjenti f'faċilitajiet liċenzjati għas-saħħa mentali.
**Clause 31 –** Complaints submitted by patients in licensed mental health facilities.

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Rimarki? Il-Ministru.

**ONOR. ROSIANNE CUTAJAR:** Din il-klawsola tirregola l-proċedura ta' kif għandhom jiġu sottomessi lmenti li jsiru minn pazjenti f'faċilitajiet liċenzjati għas-saħħa mentali.

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Grazzi. Aktar rimarki? (Onor. Membri: No) Il-mistoqsija hija klawsola 31. Dawk favur? (Onor. Membri: Aye) Dawk kontra? L-Onor. Ivan Castillo.

**ONOR. IVAN CASTILLO:** L-Oppożizzjoni taqbel mal-prinċipju ta' dan l-artikolu iżda minħabba nuqqas ta' konsultazzjoni u skrutinju adegwat, tirriżerva l-pożizzjoni u l-vot tagħha sakemm jitlesta b'mod xieraq il-proċess parlamentari.

*Klawsola 31 għaddiet u ġiet ordnata biex issir parti mill-Abbozz ta' Liġi.*

**Klawsola 32 –** Ilmenti sottomessi minn persuni f'faċilitajiet ġerjatriċi.
**Clause 32 –** Complaints submitted by persons in geriatric facilities.

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Rimarki? Il-Ministru.

**ONOR. ROSIANNE CUTAJAR:** Din il-klawsola tirregola l-proċedura ta' kif għandhom jiġu sottomessi lmenti li jsiru minn persuna f'xi faċilità ġerjatrika.

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Grazzi. Aktar rimarki? (Onor. Membri: No) Il-mistoqsija hija klawsola 32. Dawk favur? (Onor. Membri: Aye) Dawk kontra? L-Onor. Ivan Castillo.

**ONOR. IVAN CASTILLO:** L-Oppożizzjoni taqbel mal-prinċipju ta' dan l-artikolu iżda minħabba nuqqas ta' konsultazzjoni u skrutinju adegwat, tirriżerva l-pożizzjoni u l-vot tagħha sakemm jitlesta b'mod xieraq il-proċess parlamentari.

*Klawsola 32 għaddiet u ġiet ordnata biex issir parti mill-Abbozz ta' Liġi.*

**Klawsola 33 –** Avviż ta' bidu ta' investigazzjoni u talba għal rapport.
**Clause 33 –** Notice of commencement of investigation and request for report.

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Rimarki? Il-Ministru.

**ONOR. ROSIANNE CUTAJAR:** Din il-klawsola tistabbilixxi kif il-Kummissarju jibda investigazzjoni u kif għandhom jiġu infurmati l-partijiet involuti.

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Grazzi. Aktar rimarki? (Onor. Membri: No) Il-mistoqsija hija klawsola 33. Dawk favur? (Onor. Membri: Aye) Dawk kontra? L-Onor. Ivan Castillo.

**ONOR. IVAN CASTILLO:** L-Oppożizzjoni taqbel mal-prinċipju ta' dan l-artikolu iżda minħabba nuqqas ta' konsultazzjoni u skrutinju adegwat, tirriżerva l-pożizzjoni u l-vot tagħha sakemm jitlesta b'mod xieraq il-proċess parlamentari.

*Klawsola 33 għaddiet u ġiet ordnata biex issir parti mill-Abbozz ta' Liġi.*

**Klawsola 34 –** L-oneru tal-prova**.**
**Clause 34 –** Burden of proof.

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Rimarki? Il-Ministru.

**ONOR. ROSIANNE CUTAJAR:** Din il-klawsola tipprovdi li fil-każ ta' proċeduri quddiem il-Kummissjoni se jkun qed jiġi applikat il-prinċipju tal-inverżjoni tal-oneru tal-prova. Dan ifisser li l-allegata vittma trid biss tistabbilixxi fatti li, *prima facie*, juru li seħħet allegata diskriminazzjoni, imbagħad hija responsabbiltà tal-persuna akkużata li turi li ma seħħ l-ebda ksur, jew li l-azzjonijiet tagħha kienu ġustifikati skont il-liġi applikabbli. Fil-qasam tal-liġi dwar id-diskriminazzjoni, dan il-prinċipju diġà jifforma parti mil-liġi Maltija, u dan għaliex huwa obbligu li jirriżulta minn direttivi Ewropej.

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Grazzi. Aktar rimarki? (Onor. Membri: No) Il-mistoqsija hija

klawsola 34. Dawk favur? (Onor. Membri: Aye) Dawk kontra? L-Onor. Ivan Castillo.

**ONOR. IVAN CASTILLO:** L-Oppożizzjoni taqbel mal-prinċipju ta' dan l-artikolu iżda minħabba nuqqas ta' konsultazzjoni u skrutinju adegwat, tirriżerva l-pożizzjoni u l-vot tagħha sakemm jitlesta b'mod xieraq il-proċess parlamentari.

*Klawsola 34 għaddiet u ġiet ordnata biex issir parti mill-Abbozz ta' Liġi.*

**Klawsola 35 –** Informazzjoni meħtieġa għall-investigazzjoni.
**Clause 35 –** Information required for investigation.

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Rimarki? Il-Ministru.

**ONOR. ROSIANNE CUTAJAR:** Din il-klawsola hija dwar is-setgħa tal-Kummissarju li jitlob informazzjoni, isejjaħ persuni biex jattendu u jagħtu xhieda verbali, u jitlob il-produzzjoni ta' dokumenti meħtieġa. Persuna li tonqos milli taderixxi ma' din it-talba għandha tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinstab ħatja, multa sa €1,000, priġunerija sa tliet xhur, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Grazzi. Aktar rimarki? (Onor. Membri: No) Il-mistoqsija hija klawsola 35. Dawk favur? (Onor. Membri: Aye) Dawk kontra? L-Onor. Ivan Castillo.

**ONOR. IVAN CASTILLO:** L-Oppożizzjoni taqbel mal-prinċipju ta' dan l-artikolu iżda minħabba nuqqas ta' konsultazzjoni u skrutinju adegwat, tirriżerva l-pożizzjoni u l-vot tagħha sakemm jitlesta b'mod xieraq il-proċess parlamentari.

*Klawsola 35 għaddiet u ġiet ordnata biex issir parti mill-Abbozz ta' Liġi.*

**Klawsola 36 –** Miżuri interim.
**Clause 36 –** Interim measures.

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Rimarki? Il-Ministru.

**ONOR. ROSIANNE CUTAJAR:** Din il-klawsola hi dwar is-setgħa tal-Kummissarju sabiex *ex officio*, jew fuq talba ta' waħda mill-partijiet, f'każ ta' urġenza, minħabba riskju ta' ħsara gravi u irreparabbli, jirrakkomanda miżuri interim qabel l-investigazzjoni tkun konkluża. Rakkomandazzjonijiet magħmula taħt din il-klawsola mhumiex vinkolanti, però min jirċievi rakkomandazzjoni huwa obbligat jipprovdi informazzjoni sabiex tiġi vverifikata l-implimentazzjoni tagħha. Persuna li tonqos milli taderixxi ma' dan għandha teħel, meta tinstab ħatja, multa sa €1,000, priġunerija sa tliet xhur, jew kemm multa kif ukoll priġunerija flimkien.

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Grazzi. Aktar rimarki? (Onor. Membri: No) Il-mistoqsija hija klawsola 36. Dawk favur? (Onor. Membri: Aye) Dawk kontra? L-Onor. Ivan Castillo.

**ONOR. IVAN CASTILLO:** L-Oppożizzjoni taqbel mal-prinċipju ta' dan l-artikolu iżda minħabba nuqqas ta' konsultazzjoni u skrutinju adegwat, tirriżerva l-pożizzjoni u l-vot tagħha sakemm jitlesta b'mod xieraq il-proċess parlamentari.

*Klawsola 36 għaddiet u ġiet ordnata biex issir parti mill-Abbozz ta' Liġi.*

**Klawsola 37 –** Azzjoni fi tmiem ta' investigazzjoni.
**Clause 37 –** Action at the end of an investigation.

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Rimarki? Il-Ministru.

**ONOR. ROSIANNE CUTAJAR:** Din il-klawsola hija dwar l-azzjoni li tittieħed mill-Kummissarju wara li tintemm investigazzjoni. Se nsemmi xi punti importanti: il-Kummissarju jippubblika l-opinjoni tiegħu (data personali tiġi anonimizzata); f'każ li ksur jikkostitwixxi reat, il-Kummissarju, wara li jikkonsulta mal-vittma, jista' jressaq rapport lill-Kummissarju tal-Pulizija; fl-opinjoni l-Kummissarju għandu jinterpella lill-persuna responsabbli sabiex minnufih tirrimedja s-sitwazzjoni u tipprovdi rapport dwar l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tiegħu; l-opinjoni tal-Kummissarju ma torbotx lill-partijiet; u l-persuna responsabbli għandha tipprovdi informazzjoni sabiex jiġi vverifikat jekk ir-rakkomandazzjonijiet ġewx implimentati.

Nuqqas ta' dan jikkostitwixxi reat u persuna għandha teħel, meta tinstab ħatja, multa sa €1,000, priġunerija sa tliet xhur, jew multa kif ukoll priġunerija flimkien.

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Grazzi. Aktar rimarki? (Onor. Membri: No) Il-mistoqsija hija klawsola 37. Dawk favur? (Onor. Membri: Aye) Dawk kontra? L-Onor. Ivan Castillo.

**ONOR. IVAN CASTILLO:** L-Oppożizzjoni taqbel mal-prinċipju ta' dan l-artikolu iżda minħabba nuqqas ta' konsultazzjoni u skrutinju adegwat, tirriżerva l-pożizzjoni u l-vot tagħha sakemm jitlesta b'mod xieraq il-proċess parlamentari.

*Klawsola 37 għaddiet u ġiet ordnata biex issir parti mill-Abbozz ta' Liġi.*

**Klawsola 38 –** Irtirar tal-ilment.
**Clause 38 –** Withdrawal of the complaint.

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Rimarki? Il-Ministru.

**ONOR. ROSIANNE CUTAJAR:** Din il-klawsola tipprovdi li investigazzjoni mibdija abbażi ta' lment għandha titwaqqaf jekk dak l-ilment jiġi rtirat, però f'dan il-każ il-Kummissarju jista' xorta jinvestiga *ex officio*.

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Grazzi. Aktar rimarki? L-Onor. Ivan Castillo.

**ONOR. IVAN CASTILLO:** Onor. Attard, nixtieq kjarifika. Skont il-komunikazzjoni li bagħtet il-Whip tal-Gvern lill-Iskrivana tal-Kumitat, il-membri ta' dan il-Kumitat kellhom ikunu int, il-Ministru, l-Onor. Zarb però wkoll l-Onor. Fleur Abela. Qed nitlob kjarifika biex nara jekk meta saret in-nominazzjoni tal-Membri, kienx hemm nominata l-kollega Whip jew inkella l-Onor. Fleur Abela, bħalma kien hemm fil-komunika li rajt jien. Qed nistaqsi għal fini ta' ċarezza.

**ONOR. NAOMI CACHIA:** X'inhija l-issue eżattament?

**ONOR. IVAN CASTILLO:** L-issue qiegħda li persuna li kienet nominata mhix hawn. Qed nistaqsi biex ikolli kjarifika mingħand l-Iskrivana tal-Kumitat għax forsi kien hemm xi komunikazzjoni li jien ma kontx inkluż fiha. Però fl-aħħar komunikazzjoni li kont inkluż fiha, il-persuni nominati għal dan il-Kumitat kellhom ikunu l-Onor. Attard, il-Ministru, l-Onor. Zarb u l-Onor. Fleur Abela.

**ONOR. NAOMI CACHIA:** Kontu tkunu membru ieħor minn taħt. Kull Kumitat tal-Abbozzi jkun kompost minn tliet membri tal-Gvern u tnejn tal-Oppożizzjoni. Hawnhekk qegħdin tliet membri tal-Gvern u jien qiegħda hawnhekk ukoll però m'għandix vot. Intom qegħdin tlieta. Ma nafx minn minnkom għandu vot.

**ONOR. IVAN CASTILLO:** Jien qed nistaqsi biex nikkjarifika jekk l-Onor. Fleur Abela hijiex membru tal-Kumitat jew le, għax kienet imsemmija!

**ONOR. REBEKAH BORG:** Il-komunika kienet għall-Onor. Fleur Abela. Mid-dehra l-komunika kienet tinkludi tliet membri li għandhom il-voting rights u membru mingħajr voting rights. Allura minn liema komunika joħroġ min għandu l-voting rights u min m'għandux?

**ONOR. NAOMI CACHIA:** Bir-rispett kollu, din hija xi ħaġa li fuqha l-Gvern jitkellem mal-Parlament. Din hija deċiżjoni tal-Gvern.

**ONOR. REBEKAH BORG:** Qed nipprova nikkjarifika, jekk jogħġbok.

**ONOR. NAOMI CACHIA:** Intom bħala Oppożizzjoni ma tagħmlilkomx differenza min jiġi u min ma jiġix min-naħa tal-Gvern.

**ONOR. REBEKAH BORG:** Le, hija kwestjoni proċedurali li qed nippruvaw nikkjarifikaw.

**ONOR. NAOMI CACHIA:** Diment li l-Kumitat huwa kompost kif inhuwa xieraq, ma tagħmilx differenza. Ma nistax nifhem kif qed tqajmu din il-kwestjoni f'nofs Kumitat!

**ONOR. REBEKAH BORG:** Forsi l-Iskrivana tal-Kumitat tista' tikkjarifika?

**ONOR. IVAN CASTILLO:** Kjarifika biss irridu.

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Se naqra mill-avviż li wrietni l-Iskrivana tal-Kumitat.

**ONOR. REBEKAH BORG:** Aħna qed nippruvaw nikkjarifikaw l-avviż …

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Hawnhekk hawn l-Onor. Rosianne Cutajar ...

**ONOR. REBEKAH BORG:** Tista' tagħtini ċans nispiċċa l-argument sabiex jiġi kkjarifikat, jekk jogħġbok? Kien hemm komunika bejn il-Whips u l-Parlament u kien hemm erba' persuni msemmija. Li qed nistaqsi kif ġie kkomunikat min minnhom għandu l-voting rights u le. Dak li qed nistaqsi. U nixtieq kjarifika min-naħa tal-Parlament.

**ONOR. NAOMI CACHIA:** Jien attendejt miljun kumitat tal-abbozzi u qas qatt ma qamet kwestjoni bħal din! Bħalma tafu intom, il-komunikazzjoni ssir mal-Parlament. L-Oppożizzjoni m'għandhiex għalfejn tkun taf min huwa nominat min-naħa tal-Gvern u jien m'għandix għalfejn inkun naf min huwa nominat min-naħa tal-Oppożizzjoni. Ma nafx għalfejn stembaħtu f'nofs triq u qed tqajmu din il-kwestjoni, biex inkomplu naħlu l-ħin!

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Skużawni. Qed nifhem li ntbagħtet email mill-Parlament fuq min għandu l-voting rights u f'dik l-email kien hemm imniżżel li min-naħa tal-Gvern hemm l-Onor. Rosianne Cutajar, l-Onor. Ramona Attard u l-Onor. Francesca Zarb.

**ONOR. REBEKAH BORG:** Daqshekk biss. Kjarifika.

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Grazzi, ikkjarifikajnieha u allura nistgħu nkomplu. Aktar rimarki? (Onor. Membri: No) Il-mistoqsija hija klawsola 38. Dawk favur? (Onor. Membri: Aye) Dawk kontra? L-Onor. Ivan Castillo.

**ONOR. IVAN CASTILLO:** L-Oppożizzjoni taqbel mal-prinċipju ta' dan l-artikolu iżda minħabba nuqqas ta' konsultazzjoni u skrutinju adegwat, tirriżerva l-pożizzjoni u l-vot tagħha sakemm jitlesta b'mod xieraq il-proċess parlamentari.

*Klawsola 38 għaddiet u ġiet ordnata biex issir parti mill-Abbozz ta' Liġi.*

**Klawsola 39 –** Infurzar ta' ftehim bil-miktub.
**Clause 39 –** Enforcement of written agreements.

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Rimarki? Il-Ministru.

**ONOR. ROSIANNE CUTAJAR:** Din il-klawsola hija dwar l-infurzar ta' ftehim li jirriżulta minn proċedura ta' medjazzjoni quddiem il-Kummissarju, li għandu jopera bl-istess mod kif provdut fl-Att dwar il-Medjazzjoni.

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Grazzi. Aktar rimarki? (Onor. Membri: No) Il-mistoqsija hija klawsola 39. Dawk favur? (Onor. Membri: Aye) Dawk kontra? L-Onor. Ivan Castillo.

**ONOR. IVAN CASTILLO:** L-Oppożizzjoni taqbel mal-prinċipju ta' dan l-artikolu iżda minħabba nuqqas ta' konsultazzjoni u skrutinju adegwat, tirriżerva l-pożizzjoni u l-vot tagħha sakemm jitlesta b'mod xieraq il-proċess parlamentari.

*Klawsola 39 għaddiet u ġiet ordnata biex issir parti mill-Abbozz ta' Liġi.*

**Klawsola 40 –** Rapport annwali.
**Clause 40 –** Annual report.

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Rimarki? Il-Ministru.

**ONOR. ROSIANNE CUTAJAR:** Din il-klawsola hija dwar ir-rapport annwali li l-Kummissjoni għandha l-obbligu li tippreżenta lill-Ispeaker, li għandu jinkludi fih l-attivitajiet tagħha matul dik is-sena, fost affarijiet oħra.

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Grazzi. Aktar rimarki? (Onor. Membri: No) Il-mistoqsija hija klawsola 40. Dawk favur? (Onor. Membri: Aye) Dawk kontra? L-Onor. Ivan Castillo.

**ONOR. IVAN CASTILLO:** L-Oppożizzjoni taqbel mal-prinċipju ta' dan l-artikolu iżda minħabba nuqqas ta' konsultazzjoni u skrutinju adegwat, tirriżerva l-pożizzjoni u l-vot tagħha sakemm jitlesta b'mod xieraq il-proċess parlamentari.

*Klawsola 40 għaddiet u ġiet ordnata biex issir parti mill-Abbozz ta' Liġi.*

**Klawsola 41 –** Pubblikazzjonijiet.
**Clause 41 –** Publications.

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Rimarki? Il-Ministru.

**ONOR. ROSIANNE CUTAJAR:** Din il-klawsola tagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tippubblika rapporti relatati mal-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħha taħt dan l-Att.

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Grazzi. Aktar rimarki? (Onor. Membri: No) Il-mistoqsija hija klawsola 41. Dawk favur? (Onor. Membri: Aye) Dawk kontra? L-Onor. Ivan Castillo.

**ONOR. IVAN CASTILLO:** L-Oppożizzjoni taqbel mal-prinċipju ta' dan l-artikolu iżda minħabba nuqqas ta' konsultazzjoni u skrutinju adegwat, tirriżerva l-pożizzjoni u l-vot tagħha sakemm jitlesta b'mod xieraq il-proċess parlamentari.

*Klawsola 41 għaddiet u ġiet ordnata biex issir parti mill-Abbozz ta' Liġi.*

**Klawsola 42 –** Applikabbiltà tal-Att dwar ir-Responsabbiltà ta' persuni li jokkupaw Kariga Pubblika u ta' Entitajiet Pubbliċi.
**Clause 42 –** Applicability of the Holders of Public Office and Public Entities (Responsibility) Act.

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Rimarki? Il-Ministru.

**ONOR. ROSIANNE CUTAJAR:** Din il-klawsola tipprovdi li l-Att dwar ir-Responsabbiltà ta' persuni li jokkupaw Kariga Pubblika u ta' Entitajiet Pubbliċi, Kap. 652, għandu japplika għall-uffiċjali tal-Kummissjoni, il-Kummissarju, il-membri tal-Kummissjoni u d-Direttur Eżekuttiv.

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Grazzi. Aktar rimarki? (Onor. Membri: No) Il-mistoqsija hija klawsola 42. Dawk favur? (Onor. Membri: Aye) Dawk kontra? L-Onor. Ivan Castillo.

**ONOR. IVAN CASTILLO:** L-Oppożizzjoni taqbel mal-prinċipju ta' dan l-artikolu iżda minħabba nuqqas ta' konsultazzjoni u skrutinju adegwat, tirriżerva l-pożizzjoni u l-vot tagħha sakemm jitlesta b'mod xieraq il-proċess parlamentari.

*Klawsola 42 għaddiet u ġiet ordnata biex issir parti mill-Abbozz ta' Liġi.*

**Klawsola 43 –** Kwistjonijiet mhux soġġetti għal proċeduri.
**Clause 43 –** Matters not subject to proceedings.

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Rimarki? Il-Ministru.

**ONOR. ROSIANNE CUTAJAR:** Din il-klawsola telenka l-kwistjonijiet li m'għandhomx ikunu soġġetti għal proċeduri quddiem il-Kummissarju.

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Grazzi. Aktar rimarki? (Onor. Membri: No) Il-mistoqsija hija klawsola 43. Dawk favur? (Onor. Membri: Aye) Dawk kontra? L-Onor. Ivan Castillo.

**ONOR. IVAN CASTILLO:** L-Oppożizzjoni taqbel mal-prinċipju ta' dan l-artikolu iżda minħabba nuqqas ta' konsultazzjoni u skrutinju adegwat, tirriżerva l-pożizzjoni u l-vot tagħha sakemm jitlesta b'mod xieraq il-proċess parlamentari.

*Klawsola 43 għaddiet u ġiet ordnata biex issir parti mill-Abbozz ta' Liġi.*

**Klawsola 44 –** Dmir ta' Ugwaljanza.
**Clause 44 –** Duty of equality.

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Rimarki? Il-Ministru.

**ONOR. ROSIANNE CUTAJAR:** Din il-klawsola tintroduċi numru ta' obbligi fuq l-amministrazzjoni pubblika biex telimina d-diskriminazzjoni. Din il-klawsola tipprovdi wkoll li l-amministrazzjoni pubblika għandha, fuq talba tal-Kummissarju, tipprovdi informazzjoni dwar l-implimentazzjoni ta' dawn il-miżuri. Jekk tonqos milli tipprovdi din l-informazzjoni, il-Kummissarju jista' jibgħat rapport lill-Prim Ministru u lill-Ministru responsabbli għall-ugwaljanza, u wara lill-Kamra. Din il-klawsola tipprovdi wkoll li l-amministrazzjoni pubblika għandha tħejji, tadotta u timplimenta pjan ta' azzjoni.

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Grazzi. Aktar rimarki? (Onor. Membri: No) Il-mistoqsija hija klawsola 44. Dawk favur? (Onor. Membri: Aye) Dawk kontra? L-Onor. Ivan Castillo.

**ONOR. IVAN CASTILLO:** L-Oppożizzjoni taqbel mal-prinċipju ta' dan l-artikolu iżda minħabba nuqqas ta' konsultazzjoni u skrutinju adegwat, tirriżerva l-pożizzjoni u l-vot tagħha sakemm jitlesta b'mod xieraq il-proċess parlamentari.

*Klawsola 44 għaddiet u ġiet ordnata biex issir parti mill-Abbozz ta' Liġi.*

**Klawsola 45** – Ħatriet għal korpi maħtura uffiċjalment.
**Clause 45** – Appointments to officially appointed bodies.

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Rimarki? Il-Ministru.

**ONOR. ROSIANNE CUTAJAR:** Din il-klawsola timponi obbligu fuq l-amministrazzjoni pubblika sabiex kemm jista' jkun tassigura illi 40% tal-ħatriet magħmula għall-korpi maħtura uffiċjalment ikunu nisa, 40% oħra jkunu rġiel u fil-bqija tal-ħatriet tikkunsidra r-rappreżentanza ta' ġeneri mhix binarji.

Fuq talba tal-Kummissarju, l-amministrazzjoni pubblika għandha tipprovdi informazzjoni dwar l-implimentazzjoni ta' din il-klawsola. Jekk tonqos milli tipprovdi din l-informazzjoni, il-Kummissarju jista' jibgħat rapport lill-Prim Ministru u lill-Ministru responsabbli għall-ugwaljanza, u wara lill-Kamra.

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Grazzi. Aktar rimarki? (Onor. Membri: No) Il-mistoqsija hija klawsola 45. Dawk favur? (Onor. Membri: Aye) Dawk kontra? L-Onor. Ivan Castillo.

**ONOR. IVAN CASTILLO:** L-Oppożizzjoni taqbel mal-prinċipju ta' dan l-artikolu iżda minħabba nuqqas ta' konsultazzjoni u skrutinju adegwat, tirriżerva l-pożizzjoni u l-vot tagħha sakemm jitlesta b'mod xieraq il-proċess parlamentari.

*Klawsola 45 għaddiet u ġiet ordnata biex issir parti mill-Abbozz ta' Liġi.*

**Klawsola 46** – Direttur Eżekuttiv.
**Clause 46** – Executive Director.

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Rimarki? Il-Ministru.

**ONOR. ROSIANNE CUTAJAR:** Din il-klawsola hija dwar il-ħatra u t-termini tal-impjieg tad-Direttur Eżekuttiv. Tipprovdi wkoll salvagwardji sabiex tiġi żgurata l-indipendenza tiegħu.

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Grazzi. Aktar rimarki? (Onor. Membri: No) Il-mistoqsija hija klawsola 46. Dawk favur? (Onor. Membri: Aye) Dawk kontra? L-Onor. Ivan Castillo.

**ONOR. IVAN CASTILLO:** L-Oppożizzjoni taqbel mal-prinċipju ta' dan l-artikolu iżda minħabba nuqqas ta' konsultazzjoni u skrutinju adegwat, tirriżerva l-pożizzjoni u l-vot tagħha sakemm jitlesta b'mod xieraq il-proċess parlamentari.

*Klawsola 46 għaddiet u ġiet ordnata biex issir parti mill-Abbozz ta' Liġi.*

**Klawsola 47** – Funzjonijiet tad-Direttur Eżekuttiv.
**Clause 47** – Functions of the Executive Director.

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Rimarki? Il-Ministru.

**ONOR. ROSIANNE CUTAJAR:** Din il-klawsola telenka l-funzjonijiet tad-Direttur Eżekuttiv, fosthom li jwettaq, jimmaniġġja u jikkontrolla b'mod ġenerali l-amministrazzjoni tal-Kummissjoni.

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Grazzi. Aktar rimarki? (Onor. Membri: No) Il-mistoqsija hija klawsola 47. Dawk favur? (Onor. Membri: Aye) Dawk kontra? L-Onor. Ivan Castillo.

**ONOR. IVAN CASTILLO:** L-Oppożizzjoni taqbel mal-prinċipju ta' dan l-artikolu iżda minħabba nuqqas ta' konsultazzjoni u skrutinju adegwat, tirriżerva l-pożizzjoni u l-vot tagħha sakemm jitlesta b'mod xieraq il-proċess parlamentari.

*Klawsola 47 għaddiet u ġiet ordnata biex issir parti mill-Abbozz ta' Liġi.*

**Klawsola 48 –** Uffiċjali tal-Kummissjoni.
**Clause 48 –** Officers of the Commission.

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Rimarki? Il-Ministru.

**ONOR. ROSIANNE CUTAJAR:** Din il-klawsola hija dwar is-setgħa tal-Kummissjoni li taħtar lill-uffiċjali kif hi tqis li jkun xieraq.

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Grazzi. Aktar rimarki? (Onor. Membri: No) Il-mistoqsija hija klawsola 48. Dawk favur? (Onor. Membri: Aye) Dawk kontra? L-Onor. Ivan Castillo.

**ONOR. IVAN CASTILLO:** L-Oppożizzjoni taqbel mal-prinċipju ta' dan l-artikolu iżda minħabba nuqqas ta' konsultazzjoni u skrutinju adegwat, tirriżerva l-pożizzjoni u l-vot tagħha sakemm jitlesta b'mod xieraq il-proċess parlamentari.

*Klawsola 48 għaddiet u ġiet ordnata biex issir parti mill-Abbozz ta' Liġi.*

**Klawsola 49 –** Uffiċjali pubbliċi assenjati sabiex jaqdu dmirijiet mal-Kummissjoni.
**Clause 49 –** Detailing of public officers for duty with the Commission.

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Rimarki? Il-Ministru.

**ONOR. ROSIANNE CUTAJAR:** Din il-klawsola tagħti lok għal uffiċjali pubbliċi li jiġu sekondati mill-Prim Ministru sabiex jaqdu dmirijiet mal-Kummissjoni fuq talba tagħha stess. Tali uffiċjali għandhom jibqgħu kkonsidrati bħala uffiċjali pubbliċi, però meta jkunu hekk sekondati għandhom ikunu taħt l-awtorità amministrattiva u l-kontroll tal-Kummissjoni.

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Grazzi. Aktar rimarki? (Onor. Membri: No) Il-mistoqsija hija klawsola 49. Dawk favur? (Onor. Membri: Aye) Dawk kontra? L-Onor. Ivan Castillo.

**ONOR. IVAN CASTILLO:** L-Oppożizzjoni taqbel mal-prinċipju ta' dan l-artikolu iżda minħabba nuqqas ta' konsultazzjoni u skrutinju adegwat, tirriżerva l-pożizzjoni u l-vot tagħha sakemm jitlesta b'mod xieraq il-proċess parlamentari.

*Klawsola 49 għaddiet u ġiet ordnata biex issir parti mill-Abbozz ta' Liġi.*

**Klawsola 50 –** Kuntratti ta' provvista, xogħlijiet jew servizzi.
**Clause 50 –** Contracts of supply, works or services.

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Rimarki? Il-Ministru.

**ONOR. ROSIANNE CUTAJAR:** Din il-klawsola tipprovdi li l-Kummissjoni għandha ssegwi l-proċeduri kollha dwar l-akkwist kif regolati mir-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku.

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Grazzi. Aktar rimarki? (Onor. Membri: No) Il-mistoqsija hija klawsola 50. Dawk favur? (Onor. Membri: Aye) Dawk kontra? L-Onor. Ivan Castillo.

**ONOR. IVAN CASTILLO:** L-Oppożizzjoni taqbel mal-prinċipju ta' dan l-artikolu iżda minħabba nuqqas ta' konsultazzjoni u skrutinju adegwat, tirriżerva l-pożizzjoni u l-vot tagħha sakemm jitlesta b'mod xieraq il-proċess parlamentari.

*Klawsola 50 għaddiet u ġiet ordnata biex issir parti mill-Abbozz ta' Liġi.*

**Klawsola 51 –** Finanzi.
**Clause 51 –** Finances.

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Rimarki? Il-Ministru.

**ONOR. ROSIANNE CUTAJAR:** Din il-klawsola hija dwar il-proċedura ta' kif jiġi determinat il-baġit tal-Kummissjoni u tobbliga lill-Kamra sabiex tassigura li dan ikun wieħed adegwat.

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Grazzi. Aktar rimarki? (Onor. Membri: No) Il-mistoqsija hija klawsola 51. Dawk favur? (Onor. Membri: Aye) Dawk kontra? L-Onor. Ivan Castillo.

**ONOR. IVAN CASTILLO:** L-Oppożizzjoni taqbel mal-prinċipju ta' dan l-artikolu iżda minħabba nuqqas ta' konsultazzjoni u skrutinju adegwat, tirriżerva l-pożizzjoni u l-vot tagħha

sakemm jitlesta b'mod xieraq il-proċess parlamentari.

*Klawsola 51 għaddiet u ġiet ordnata biex issir parti mill-Abbozz ta' Liġi.*

**Klawsola 52 –** Spejjeż tal-Kummissjoni.
**Clause 52 –** Expenses of the Commission.

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Rimarki? Il-Ministru.

**ONOR. ROSIANNE CUTAJAR:** Din il-klawsola tipprovdi li l-ispejjeż tal-Kummissjoni għandhom jittieħdu mill-Fond Konsolidat.

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Grazzi. Aktar rimarki? (Onor. Membri: No) Il-mistoqsija hija klawsola 52. Dawk favur? (Onor. Membri: Aye) Dawk kontra? L-Onor. Ivan Castillo.

**ONOR. IVAN CASTILLO:** L-Oppożizzjoni taqbel mal-prinċipju ta' dan l-artikolu iżda minħabba nuqqas ta' konsultazzjoni u skrutinju adegwat, tirriżerva l-pożizzjoni u l-vot tagħha sakemm jitlesta b'mod xieraq il-proċess parlamentari.

*Klawsola 52 għaddiet u ġiet ordnata biex issir parti mill-Abbozz ta' Liġi.*

**Klawsola 53 –** Kontijiet.
**Clause 53 –** Accounts.

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Rimarki? Il-Ministru.

**ONOR. ROSIANNE CUTAJAR:** Din il-klawsola hija dwar il-kontijiet tal-Kummissjoni, li għandhom jiġu verifikati mill-Awditur Ġenerali.

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Grazzi. Aktar rimarki? (Onor. Membri: No) Il-mistoqsija hija klawsola 53. Dawk favur? (Onor. Membri: Aye) Dawk kontra? L-Onor. Ivan Castillo.

**ONOR. IVAN CASTILLO:** L-Oppożizzjoni taqbel mal-prinċipju ta' dan l-artikolu iżda minħabba nuqqas ta' konsultazzjoni u skrutinju adegwat, tirriżerva l-pożizzjoni u l-vot tagħha sakemm jitlesta b'mod xieraq il-proċess parlamentari.

*Klawsola 53 għaddiet u ġiet ordnata biex issir parti mill-Abbozz ta' Liġi.*

**Klawsola 54 –** Setgħa tal-Ministru li jagħmel regolamenti.
**Clause 54 –** Power of the Minister to make regulations.

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Rimarki? Il-Ministru.

**ONOR. ROSIANNE CUTAJAR:** Din il-klawsola tagħti s-setgħa lill-Ministru sabiex jagħmel regolamenti b'konformità mal-Att.

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Grazzi. Aktar rimarki? (Onor. Membri: No) Il-mistoqsija hija klawsola 54. Dawk favur? (Onor. Membri: Aye) Dawk kontra? L-Onor. Ivan Castillo.

**ONOR. IVAN CASTILLO:** L-Oppożizzjoni taqbel mal-prinċipju ta' dan l-artikolu iżda minħabba nuqqas ta' konsultazzjoni u skrutinju adegwat, tirriżerva l-pożizzjoni u l-vot tagħha sakemm jitlesta b'mod xieraq il-proċess parlamentari.

*Klawsola 54 għaddiet u ġiet ordnata biex issir parti mill-Abbozz ta' Liġi.*

**Klawsola 55 –** Tħassir u riżervi.
**Clause 55 –** Repeal and saving.

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Rimarki? Il-Ministru.

**ONOR. ROSIANNE CUTAJAR:** Din il-klawsola hija dwar ix-xoljiment tal-Att dwar l-Ugwaljanza bejn l-Irġiel u n-Nisa, Kap. 456, u l-liġijiet sussidjarji tiegħu.

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Grazzi. Aktar rimarki? (Onor. Membri: No) Il-mistoqsija hija klawsola 55. Dawk favur? (Onor. Membri: Aye) Dawk kontra? L-Onor. Ivan Castillo.

**ONOR. IVAN CASTILLO:** L-Oppożizzjoni taqbel mal-prinċipju ta' dan l-artikolu iżda minħabba nuqqas ta' konsultazzjoni u skrutinju adegwat, tirriżerva l-pożizzjoni u l-vot tagħha sakemm jitlesta b'mod xieraq il-proċess parlamentari.

*Klawsola 55 għaddiet u ġiet ordnata biex issir parti mill-Abbozz ta' Liġi.*

**Klawsola 56 –** Perjodu ta' tranżizzjoni.
**Clause 56 –** Transitory period.

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Rimarki? Il-Ministru.

**ONOR. ROSIANNE CUTAJAR:** Din il-klawsola tistabbilixxi perjodu ta' tranżizzjoni li fih il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza (NCPE) għandha twettaq it-tranżizzjoni tagħha fil-Kummissjoni.

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Grazzi. Aktar rimarki? (Onor. Membri: No) Il-mistoqsija hija klawsola 56. Dawk favur? (Onor. Membri: Aye) Dawk kontra? L-Onor. Ivan Castillo.

**ONOR. IVAN CASTILLO:** L-Oppożizzjoni taqbel mal-prinċipju ta' dan l-artikolu iżda minħabba nuqqas ta' konsultazzjoni u skrutinju adegwat, tirriżerva l-pożizzjoni u l-vot tagħha sakemm jitlesta b'mod xieraq il-proċess parlamentari.

*Klawsola 56 għaddiet u ġiet ordnata biex issir parti mill-Abbozz ta' Liġi.*

**Klawsola 57 –** Trasferiment tal-persunal.
**Clause 57 –** Transfer of staff.

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Rimarki? Il-Ministru.

**ONOR. ROSIANNE CUTAJAR:** Din il-klawsola tirregola l-proċedura għat-trasferiment tal-persunal u tipprovdi li kull min, bl-esklużjoni tad-Direttur Eżekuttiv, qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan il-Att kien impjegat mill-NCPE, għandu jkun impjegat tal-Kummissjoni.

Nipproponi din l-emenda:

"D" Fis-subklawsola (1) tal-klawsola 57 il-kliem "għandha tkun impjegata tal-kummi ssjoni" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "tkun impjegata tal-Kummissjoni".

"D" In the Maltese version only, in sub-clause (1) of clause 57 the words "għandha tkun impjegata tal-Kummissjoni" shall be substituted by the words "tkun impjegata tal-Kummissjoni".

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Grazzi. Aktar rimarki? (Onor. Membri: No) Il-mistoqsija hija l-emenda għall-klawsola 57 kif imressqa u moqrija mil-Ministru. Dawk favur? (Onor. Membri: Aye) Dawk kontra? L-Onor. Ivan Castillo.

**ONOR. IVAN CASTILLO:** L-Oppożizzjoni taqbel mal-prinċipju ta' dan l-artikolu iżda minħabba nuqqas ta' konsultazzjoni u skrutinju adegwat, tirriżerva l-pożizzjoni u l-vot tagħha sakemm jitlesta b'mod xieraq il-proċess parlamentari.

*L-Emenda "D" għaddiet.*

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Il-mistoqsija hija klawsola 57 kif emendata. Dawk favur? (Onor. Membri: Aye) Dawk kontra? L-Onor. Ivan Castillo.

**ONOR. IVAN CASTILLO:** L-Oppożizzjoni taqbel mal-prinċipju ta' dan l-artikolu iżda minħabba nuqqas ta' konsultazzjoni u skrutinju adegwat, tirriżerva l-pożizzjoni u l-vot tagħha sakemm jitlesta b'mod xieraq il-proċess parlamentari.

*Klawsola 57, kif emendata, għaddiet u ġiet ordnata biex issir parti mill-Abbozz ta' Liġi.*

**Klawsola 58 –** Emendi konsegwenzjali għall-Kostituzzjoni ta' Malta.
**Clause 58 –** Consequential amendments to the Constitution of Malta.

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Rimarki? Il-Ministru.

**ONOR. ROSIANNE CUTAJAR:** Il-klawsola 58 tintroduċi artikolu ġdid fil-Kostituzzjoni ta' Malta sabiex il-Kummissjoni tingħata l-istatus u l-permanenza ta' istituzzjoni stabbilita permezz tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Grazzi. Aktar rimarki? (Onor. Membri: No) Il-mistoqsija hija klawsola 58. Dawk favur? (Onor. Membri: Aye) Dawk kontra? L-Onor. Ivan Castillo.

**ONOR. IVAN CASTILLO:** L-Oppożizzjoni taqbel mal-prinċipju ta' dan l-artikolu iżda

minħabba nuqqas ta' konsultazzjoni u skrutinju adegwat, tirriżerva l-pożizzjoni u l-vot tagħha sakemm jitlesta b'mod xieraq il-proċess parlamentari.

*Klawsola 58 għaddiet u ġiet ordnata biex issir parti mill-Abbozz ta' Liġi.*

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Se nissospendi l-laqgħa għal ftit minuti.

*F'12.14 p.m. il-Kumitat ġie sospiż u rriżuma f'12.18 p.m.*

**Klawsola 59 –** Emendi konsegwenzjali għall-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea.
**Clause 59 –** Consequential amendments to the European Convention Act.

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Rimarki? Il-Ministru.

**ONOR. ROSIANNE CUTAJAR:** F'din il-klawsola għandna emendi konsegwenzjali għall-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, Kap. 319.

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Grazzi. Aktar rimarki? (Onor. Membri: No) Il-mistoqsija hija klawsola 59. Dawk favur? (Onor. Membri: Aye) Dawk kontra? L-Onor. Ivan Castillo.

**ONOR. IVAN CASTILLO:** L-Oppożizzjoni taqbel mal-prinċipju ta' dan l-artikolu iżda minħabba nuqqas ta' konsultazzjoni u skrutinju adegwat, tirriżerva l-pożizzjoni u l-vot tagħha sakemm jitlesta b'mod xieraq il-proċess parlamentari.

*Klawsola 59 għaddiet u ġiet ordnata biex issir parti mill-Abbozz ta' Liġi.*

**Klawsola 60 –** Emenda konsegwenzjali għall-Att dwar l-Ombudsman.
**Clause 60 –** Consequential amendments to the Ombudsman Act.

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Rimarki? Il-Ministru.

**ONOR. ROSIANNE CUTAJAR:** F'din il-klawsola għandna emendi konsegwenzjali għall-Att dwar l-Ombudsman, Kap. 385.

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Grazzi. Aktar rimarki? (Onor. Membri: No) Il-mistoqsija hija klawsola 60. Dawk favur? (Onor. Membri: Aye) Dawk kontra? L-Onor. Ivan Castillo.

**ONOR. IVAN CASTILLO:** L-Oppożizzjoni taqbel mal-prinċipju ta' dan l-artikolu iżda minħabba nuqqas ta' konsultazzjoni u skrutinju adegwat, tirriżerva l-pożizzjoni u l-vot tagħha sakemm jitlesta b'mod xieraq il-proċess parlamentari.

*Klawsola 60 għaddiet u ġiet ordnata biex issir parti mill-Abbozz ta' Liġi.*

**Klawsola 1 –** Titolu fil-qosor, għan u bidu fis-seħħ.
**Clause 1 –** Short title, scope and commencement.

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Rimarki? Il-Ministru.

**ONOR. ROSIANNE CUTAJAR:** Din il-klawsola tirregola l-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att u tispjega l-għan tiegħu. Parti mill-għan ta' dan l-Att huwa li jwaqqaf il-Kummissjoni Nazzjonali għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Ugwaljanza, skont il-prinċipji ta' Pariġi, u jittrasponi direttivi tal-Unjoni Ewropea dwar l-istandards għall-korpi tal-ugwaljanza. Din il-klawsola tipprovdi wkoll li din il-liġi se tidħol fis-seħħ permezz ta' avviż fil-Gazzetta tal-Gvern, liema data m'għandhiex tkun inqas minn xahrejn mill-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern, għax ma jaqax taħt l-eżenzjonijiet tal-Att dwar l-Intrapriżi ż-Żgħar.

Nipproponi din l-emenda.

"E" Fis-subklawsola (3) tal-klawsola 1 il-kliem "ta' dawn ir-regolamenti" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "ta' dan l-Att".

"E" In the Maltese version only, in sub-clause (3) of clause 1 the words "ta' dawn ir-regolamenti" shall be substituted by the words "ta' dan l-Att".

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Grazzi. Aktar rimarki? (Onor. Membri: No) Il-mistoqsija hija l-emenda għall-klawsola 1 kif imressqa u moqrija mil-Ministru. Dawk favur? (Onor. Membri: Aye) Dawk kontra? L-Onor. Ivan Castillo.

**ONOR. IVAN CASTILLO:** L-Oppożizzjoni taqbel mal-prinċipju ta' dan l-artikolu iżda minħabba nuqqas ta' konsultazzjoni u skrutinju adegwat, tirriżerva l-pożizzjoni u l-vot tagħha sakemm jitlesta b'mod xieraq il-proċess parlamentari.

*L-Emenda "E" għaddiet.*

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Il-mistoqsija hija klawsola 1 kif emendata. Dawk favur? (Onor. Membri: Aye) Dawk kontra? L-Onor. Ivan Castillo.

**ONOR. IVAN CASTILLO:** L-Oppożizzjoni taqbel mal-prinċipju ta' dan l-artikolu iżda minħabba nuqqas ta' konsultazzjoni u skrutinju adegwat, tirriżerva l-pożizzjoni u l-vot tagħha sakemm jitlesta b'mod xieraq il-proċess parlamentari.

*Klawsola 1, kif emendata, għaddiet u ġiet ordnata biex issir parti mill-Abbozz ta' Liġi.*

**IT-TITOLU**
**TITLE**

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Il-Ministru, jekk jogħġobha, taqra t-Titolu.

**ONOR. ROSIANNE CUTAJAR:** It-Titolu ta' dan l-Att huwa "Att sabiex tiġi mwaqqfa l-Kummissjoni Nazzjonali għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Ugwaljanza u sabiex jipprovdi għal materji oħra anċillari u konsegwenzjali għall-istess".

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Grazzi. Rimarki? (Onor. Membri: No) Il-mistoqsija hija t-Titolu. Dawk favur? (Onor. Membri: Aye) Dawk kontra? L-Onor. Ivan Castillo.

**ONOR. IVAN CASTILLO:** L-Oppożizzjoni taqbel mal-prinċipju ta' dan l-artikolu iżda minħabba nuqqas ta' konsultazzjoni u skrutinju adegwat, tirriżerva l-pożizzjoni u l-vot tagħha sakemm jitlesta b'mod xieraq il-proċess parlamentari.

*It-Titolu għadda u ġie ordnat biex isir parti mill-Abbozz ta' Liġi.*

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Il-Ministru.

**ONOR. ROSIANNE CUTAJAR:** Nipproponi li l-Kumitat jawtorizza lill-Iskrivan tal-Kamra biex jikkoreġi xi żbalji tal-ortografija, jagħmel ir-rinumerazzjoni meħtieġa u xi emendi żgħar li jista' jkun hemm bżonn.

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Hawn qbil? (Onor. Membri: Iva)

*Fuq mozzjoni tal-Ministru għall-Ugwaljanza u d-Drittijiet Ċivili l-Kumitat qabel li jawtorizza lill-Iskrivan tal-Kamra biex jikkoreġi xi żbalji tal-ortografija, jagħmel ir-rinumerazzjoni meħtieġa u xi emendi żgħar li jista' jkun hemm bżonn.*

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Hawn qbil li nirrapporta lill-Kamra li dan l-Abbozz ta' Liġi għadda mill-Kumitat b'emendi? (Onor. Membri: Iva)

*Il-Kumitat qabel li l-Onor. Ramona Attard għandha tirrapporta lill-Kamra li l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex tiġi mwaqqfa l-Kummissjoni Nazzjonali għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Ugwaljanza u sabiex jipprovdi għal materji oħra anċillari u konsegwenzjali għall-istess" għadda mill-istadju tal-Kumitat b'emendi.*

**ONOR. RAMONA ATTARD:** Nirringrazzja lil kull min ħa sehem f'din il-laqgħa tal-lum. Id-diskussjoni fuq dan l-Abbozz ta' Liġi hija konkluża.

*F'12.23 p.m. id-diskussjoni fi stadju ta' Kumitat ta' dan l-Abbozz ta' Liġi ġiet konkluża u l-Kumitat aġġorna.*